


30 SENA 1981-2011

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2011

Nru 182


## Dun Ġużepp Gauci maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral



Għarrex u dur fil-parroċċa tagħna, u diffiċli ssib saċerdot li għandu daqshekk għal qalbu l-kult u d-devozzjoni lejn San Ġorġ daqs Dun Ġużepp Gauci. Il-kollezzjoni vasta ta' oġġetti ta' kull għamla marbuta mal-qaddis tagħna, li għandu d-dar fi Triq Taħt Putirjal, u li ġġib l-isem *San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura*, hi l-frott ta' tant u tant snin ta' riċerka u korrispondenzi ma' entitajiet minn madwar id-dinja kollha fejn San Ġorġ hu maħbub u meqjum.

Imma kif nafu lkoll, Dun Ġużepp m'hux sempliċiment kollezzjonist ieħor. L-imħabba tiegħu lejn San Ġorġ hi ġenwina u ssib għeruqha fl-istudju u t-tagħlim. Lil Dun Ġużepp nafuh bħala wieħed mill-aktar saċerdoti li pproduċew ktiba u predikazzjoni fuq San Ġorġ. Biss biss, hu għamel it-Tridu ta' San Ġorġ fil-Festi ta' l-1967, l-1976, l-2003 u l-2008, u l-paniġierku f'April 1967 u mill-ġdid f'Lulju 1986. Kiteb artikli ta' natura didattika, teoloġika u anki informattiva fuq il-kult Ġorġjan, li xi wħud minnhom ġew ippubblikati f'kotba waqt li bosta oħrajn dehru fuq il-Programm tal-Festa, fuq din ir-rivista u fuq bosta ġurnali lokali... sakemm fl-aħħar, f'Mejju 2006, ippubblika l-ktieb *Il-Prinċep tal-Martri. Tagħrif – Tagħlim – Talb dwar San Ġorġ Megalomartri*, li hu teżor ta' materjal utli għal min irid jitgħallem dwar San Ġorġ. Xandar ukoll bosta programmi fuq ir-radju *Leħen il-Belt Victoria* dwar is-suġġett.


*jissokta f'paġna 4...*


## MONSINJUR MIKIEL CEFAI (1891-1981)
## Arċipriet tar-Rabat u Vigarju Ġenerali ta' Għawdex





*Lemin:* L-Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci jbierek il-ġisem mejjet ta' l-Arċipriet Cefai fil-Bażilika ta' San Ġorġ, qabel il-Funeral fil-Katidral, 1 ta' Diċembru 1981.

*Fl-1 ta' Diċembru 1981, jiġifieri tletin sena ilu, ħalliena Monsinjur Mikiel Cefai, li kien Arċipriet tar-Rabat bejn l-1944 u l-1976, l-aħħar ragħaj spiritwali taż-żewġ parroċċi ta' beltna flimkien. Għalkemm mi[illegible] tal-Qala, kien fi żmien l-Arċipriet Cefai – li minn jeddu ried je[illegible] l-uffiċċju tiegħu ta' kappillan minn ġo San Ġorġ – li l-knisja parr[illegible] tagħna stagħniet qatigħ: mhux biss inħallet l-Unjoni u t-tempju Ġorġjan ġie mgħolli għall-ġieħ mistħoqq ta' Bażilika, imma saru opri kbar ta' l-arti, bħad-dekorazzjoni, il-pittura u l-irħam, fost tant oħrajn. Għalhekk Mons. Cefai jixraqlu li jiġi mfakkar fuq din ir-rivista, li bdiet toħroġ fl-istess sena tal-mewt tiegħu, permezz ta' dan l-artiklu bijografiku miktub minn* ***Euchar Mizzi*** *u oħrajn fil-ħarġiet li jmiss.*


» *aqra l-artiklu kollu f'paġni 6, 7 u 8*



F'din il-ħarġa



ŻJARA PASTORALI TA' MONS. ISQOF U L-ARĊIPRIET TA' SAN ĠORĠ LILL-EMIGRANTI ĠORĠJANI
paġna 10



L-ALTAR MAĠĠUR ANTIK TA' SAN ĠORĠ IRRESTAWRAT
paġni 12-13

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorg Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Il-parroċċa tagħna u l-vokazzjonijiet saċerdotali

Ilkoll naqblu li l-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ hi post ċentrali kemm għal ħafna Rabtin u Għawdxin u kemm għall-Maltin u t-turisti. Il-parroċċa tagħna hi waħda mill-ftit knejjes f'Għawdex li ssibha miftuħa miż-żerniq sa fil-għaxija. Fiha jingħataw diversi servizzi, fosthom Quddies regolari l-ġurnata kollha, Qrar, saċerdoti disponibbli għall-amministrazzjoni tas-sagramenti u servizzi oħra utli għal kull min xi darba jew oħra jirfes l-għatba tal-knisja. Il-lum aktar minn qatt qabel nafu kemm dawn is-servizzi huma vitali biex parroċċa tkun tista' tkompli tiffunzjona.

Nafu li, b'differenza minn ftit għexieren ta' snin ilu, l-għadd ta' saċerdoti, kemm fil-parroċċa tagħna u kemm fid-Djoċesi Għawdxija, qiegħed dejjem jonqos. Għalhekk ikun għaqli li nsaqsu għaliex u, aktar minn hekk, nirsistu ħalli jiżdied l-għadd ta' vokazzjonijiet. Nafu li bħalissa l-parroċċa tagħna, waħda mill-akbar jekk mhux l-akbar waħda f'Għawdex, m'għandhiex seminaristi li qed jitħejjew għas-saċerdozju. Għalhekk, waqt li nemmnu fil-qawwa tat-talb lil Sid il-ħsad, li fil-mument opportun jara li jibgħat ħaddiema fl-għalqa tal-ħsad tiegħu, nemmnu li l-Knisja lokali għandha tissokta tiffoka l-isforzi tagħha ħalli aktar adolexxenti jitħajru jaqbdu l-ħajja ta' dixxerniment li twassalhom biex jiskopru l-vokazzjoni saċerdotali li tiġi minn għand Alla.

Is-servizzi li toffri l-parroċċa tagħna jiddependu ħafna minn kemm jinbtu vokazzjonijiet ġodda, kif ukoll minn kemm saċerdoti wlied il-parroċċa jingħataw l-opportunità li jibqgħu jagħtu servizz lill-parroċċa għażiża tagħhom.

## KRONAKA PARROKKJALI

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

14/08/2011 **Dante**, bin Peter Pace u Anastasia Donyatovskaya
21/08/2011 **Alessia**, bint Elvin Vassallo u Adriana Terribile
21/08/2011 **Kimberly**, bint John Paul Bowker u Liza Bugeja
04/09/2011 **Lucas-Sebastian**, bin Stephanie Buttigieg u Darrell Curmi
04/09/2011 **George**, bin Christian Farrugia u Pauline Portelli
24/09/2011 **Robin**, bint Maureen Cauchi u George Seguna
25/09/2011 **Maria**, bint Tonio Debattista u Catherine Saliba
23/10/2011 **Kate**, bint Anthony Ellis u Sarah Cassar
23/10/2011 **Martina**, bint Jolyne Cremona u Sandro Vella
23/10/2011 **Amy**, bint Marvin Cremona u Judith Cassar
05/11/2011 **Alessia**, bint John Ludovic Gauci u Marlene Grima
17/11/2011 **Luke**, bin Martin Cremona u Edel Debono
19/11/2011 **Kylon**, bin George Ballucci u Alexia Attard
20/11/2011 **Gabriel**, bin David Grech u Miriam Theuma
03/12/2011 **Elisa**, bint George Cardona u Sonia Debrincat
18/12/2011 **Julia**, bint Melissa Sacco u Kevin Zammit
25/12/2011 **Maximillian**, bin Joe Etienne Abela u Veronica Mifsud

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

27/08/2011 **Joscelin Haber u Derrick Camilleri**
03/09/2011 **George Frank Mizzi u Sabrina Sillato**
17/09/2011 **James Muscat u Caroline Borg**
17/09/2011 **Julian Farrugia u Pauline Borg**
10/12/2011 **Noemi Portelli u Anġlu Said**
17/12/2011 **Christian Grech u Kylie Mizzi**
23/12/2011 **Theresa Attard u Jason Grech**

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

19/08/2011 **Carmelina Mercieca**
23/08/2011 **Mons. Eduardo Bondì Dalli**
23/08/2011 **Maya Grace Attard**
08/10/2011 **Francesco Debattista**
19/10/2011 **Ġużeppa Tabone**
26/10/2011 **Ġanni Formosa**
12/10/2011 **Robert Bartholomew Harris**
02/11/2011 **Olympia Camilleri**
03/11/2011 **Regina Cefai**
09/11/2011 **Frank Mercieca**
25/11/2011 **M'Angelo Grima**
02/12/2011 **Kurt Gauci**
08/12/2011 **Dolora Grima**
25/12/2011 **Tonina Pace**
29/12/2011 **Margarita Grima**

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*



cardonapaul@gmail.com

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja ta' *Il-Belt Victoria*, insellimlkom.

F'Lulju li għadda, nhar il-Festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, wara li tajt il-Barka Sagramentali u rringrazzjajt lill-kollaboraturi kollha, tajt l-aħbar li kont sejjer l-Awstralja flimkien ma' l-Isqof tagħna Mario Grech u numru sabiħ ta' persuni oħra. L-iskop ewlieni tal-mawra tiegħi fl-Awstralja kien biss biex inżur lill-emigranti tagħna u fosthom lill-Ġorġjani f'dan il-kontinent tant kbir u 'l bogħod.

Tlaqna minn Malta nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru lejn Dubai u wasalna l-Ġimgħa 30 fil-għodu f'Sydney. Waqt din iż-żjara fl-Awstralja żorna l-ibliet l-aktar importanti fejn hemm l-emigranti Għawdxin u Maltin: Sydney, Melbourne, Adelaide, Canberra u bliet oħra żgħar. F'Sydney laqgħuni għandhom il-Patrijiet Missjunarji ta' San Pawl: Patri Tarċisju Micallef fis-*city* u Patri Benedict Sant f'Blacktown. Meta kont Melbourne, laqgħetni għandha l-familja ta' Raymond Grech (minn Ta' Sannat). Il-grupp li tlajna flimkien, 37 persuna, kellna programm differenti minn dak ta' l-Isqof u ta' miegħu, iżda konna nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-laqgħat li kien jagħmel għall-emigranti tagħna.

L-ewwel Ġorġjan li ltqajt miegħu kien propju Emanuel Zammit, fl-Ajruport ta' Sydney, u baqa' dejjem magħna sakemm tlaqna lejn Melbourne. Kien wieħed mill-organizzaturi ta' din iż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof tagħna u kien dejjem preżenti u disponibbli. Kien hu li, l-għada li wasalt, ġie għalija fl-istazzjon tal-ferrovija ta' Pendle Hill u ħadni għand il-familja ta' Ġiġi Said... "Ġorġjan dok!". Kemm feraħ meta ra lill-Arċipriet ġewwa daru! Beka bil-ferħ! Kienet emozzjoni kbira kemm għalih u kemm għalija. Irrakkontali ħafna stejjer tal-passat tal-parroċċa tagħna.

Ma' ħafna aktar emigranti Ġorġjani ltqajt fil-parroċċi li morna fihom, fil-laqgħat li saru għall-emigranti, speċjalment dawk fiċ-ċentri organizzati minn għaqdiet ta' emigranti Maltin u Għawdxin. Lil dawk li fetħuli darhom u laqgħuni – dan kemm f'Sydney, f'Melbourne u wkoll f'Adelaide – u speċjalment lil dawk li ġew mill-bogħod, minn barra mill-belt fejn konna, nirringrazzjohom mill-qalb.

Niftakar b'mod partikulari l-Pontifikal li mexxa l-Isqof tagħna fil-Katidral ta' Sydney, b'parteċipazzjoni sabiħa ta' saċerdoti u lajċi, speċjalment meta kantajna flimkien l-Innu Malti. X'emozzjoni! Ilkoll għandna l-istess demm fina!

Meta mbagħad morna Melbourne, qabel ma morna l-lukanda u fir-residenza tagħna, l-appuntament tagħna kien fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, fuq għolja, f'Bacchus Marsh. Kemmhekk ħassejna lkoll li aħna Għawdxin, Knisja Għawdxija mar-Ragħaj tagħha. Nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru għalaqna ż-żjara tagħna fl-Awstralja b'Quddiesa mill-ġdid f'dan is-santwarju Marjan, miftuħ għal devoti ta' kull nazzjonalità. Għadha f'widnejja l-karba li saret lill-Isqof biex jibgħat saċerdoti Għawdxin jaħdmu fost l-emigranti tagħna.

Fiż-żmien li fih konna l-Awstralja kellna ħafna ħarġiet u rajna ħafna postijiet interessanti ta' dan il-kontinent hekk kbir... il-*Blue Mountains*, postijiet tal-baħar sbieħ ħafna bħat-*Twelve Apostles*, il-ġonna mimlijin fjuri ta' kull kwalità, meded kbar u enormi ta' raba' li jinħadem u għat-trobbija tal-bhejjem kbar u żgħar. Inżilna fil-minjieri tad-deheb u sibna wkoll xi frak tad-deheb. Darba ħaduni għas-sajd fil-port ta' Sydney, fit-3.00am, u niftakar qbadna ħafna ħut. Dak in-nhar qbadt kelb il-baħar kbir. Kemm tifkiriet sbieħ!

Meta kont l-Awstralja kelli l-opportunità li nżur aktar parroċċi, mhux biss mal-grupp iżda wkoll waħdi, u qaddist lill-komunitajiet ta' emigranti differenti: Maltin, Awstraljani, Taljani. Innutajt l-għatx kbir li għandhom għal Kristu u għall-Kelma tiegħu. Niftakar meta John Cassar u martu Rita (fi Blacktown) stednuni mhux biss ġo darhom iżda wkoll biex nieħu sehem fil-*prayer meeting* li ilhom imexxu kull ġimgħa għal dawn l-aħħar għaxar snin. Iltqajt ukoll ma' Mario Formosa li jmexxi gruppi simili: ngħidlu grazzi mill-qalb għall-ġenerożità kbira tiegħu mal-parroċċa tagħna.

Ħaġa oħra li laqtitni kienet il-ġenerożità u l-imħabba kbira tal-ħafna saċerdoti tagħna, djoċesani u reliġjużi, li qegħdin jaħdmu fost l-emigranti tagħna, b'mod partikulari l-Patrijiet Missjunarji ta' San Pawl (MSSP). Jagħmlu ħafna xogħol siewi għal ħutna li jinsabu 'l bogħod. Ma nistax ma nsemmix ukoll is-Sorijiet, speċjalment il-Franġiskani u d-Dumnikani, għax-xogħol tagħhom fil-parroċċi, fl-iskejjel u ma' l-anzjani, u l-bqija; xogħol moħbi iżda siewi ħafna. F'Adelaide laqgħetna għandha Swor Georgina Gauci, Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù u Ġorġjana. Fraħna u kantajna l-innu ta' "Ġorġi tagħna" flimkien. Ngħid grazzi wkoll lis-Soċji tal-*Museum* għas-servizz tagħhom fil-formazzjoni tal-ħajja Kristjana taż-żgħar u tal-kbar.

Nistqarr li dan il-vjaġġ kien esperjenza qawwija għalija. Skoprejt dinja ġdida u ħalt fil-qlub ta' mhux ftit, u mhux biss Ġorġjani. Għaraft fil-profond ta' qalbhom l-imħabba għal art twelidna, għal dak li għallmuna l-ġenituri tagħna, l-imħabba li għandna fil-profond ta' qalbna għal Alla, għal Ġesù Kristu, għall-Knisja tiegħu, għall-Patrun tagħna San Ġorġ. Innutajt li l-familja tagħmel minn kollox biex tingabar flimkien għad-*dinner* kuljum. Innutajt li hemm ħafna tfal żgħar u trabi; iltqajna fil-bliet ma' ħafna nisa tqal li ma tarahomx fil-lokalitajiet tagħna. Huwa sinjal ta' stabbiltà u ta' ħajja serena. Għal min irid jaħdem, xogħol hemm u għal kulħadd. Iltqajt ma' ħafna emigranti ta' ċerta età li għandhom uliedhom u wlied uliedhom hemm, iżda fil-profond ta' qalbhom għad għandhom lil Malta u tant nostalġija tal-gżejjer tagħna. Fraħt mhux ftit meta rajt minn uliedna li jimpenjaw ruħhom fil-pastorali parrokkjali, fl-animazzjoni liturġika, fis-servizz madwar l-altar, u fil-qadi ta' dawk l-aktar fil-bżonn, speċjalment tal-Kelma ta' Alla. Nitlob il-Barka ta' Alla fuqhom.

Wasalna lura Malta fl-1 ta' Novembru, għajjenin wara vjaġġ twil. Bqajt inżomm kuntatt ma' dawk li tawni l-indirizz elettroniku tagħhom u mill-1 ta' Jannar bdew jirċievu kull ġimgħa l-bulettin tal-parroċċa tagħna. Min jixtieq jirċevieh għadu jista' jiktibli fuq l-indirizz tiegħi cardonapaul@gmail.com jew inkella jsibu fuq il-websajt tal-parroċċa www.stgeorge.org.mt.

Mill-ġdid nirringrazzjakom, bit-tama li għad nergħu niltaqgħu flimkien. Il-Mulej iberikkom u San Ġorġ iħariskom.

*...jaqbad mill-qoxra*



**MARIUS GRECH**

DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

**DIGRIET**

**ĦATRA TA' MONSINJUR ONORARJU TAL-KAPITLU KATIDRALI**

Lill-għażiż ħija fis-saċerdozju **Mons. Guzepp Gauci,**

Sewwa u xieraq li nuru l-apprezzament tagħna għad-don tas-saċerdozju li l-Mulej ta lill-Knisja fil-persuna ta' Mons. Guzepp Gauci, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Għax biżżejjed ħarsa ħafifa lejn dawn is-sitta u erbgħin sena li inti ilek presbiteru, tikkonferma kemm int mhux biss ħabrikt fl-apostolat varju li kellek imma dejjem urejt predilezzjoni għas-saċerdozju.

Infatti kont għadek m'initx saċerdot meta bdejt tgħallem fis-seminarju minuri tagħna li barra li huwa skola sekondarja ta' livel huwa ukoll mixtla tal-vokazzjonijiet. Imbagħad bħala prefett tal-istudju fis-Seminarju Maġġuri u Minuri għal seba snin segwejt il-formazzjoni akkademika ta' dawk li kienu jitħejjew għas-saċerdozju. Għaddejt ċerti snin bħala prefett tad-dixxiplina tas-Seminarju Minuri. Issa dan l-aħħar aċċettajt li tgħinni fil-ġbir ta' xhieda fil-proċess tal-beatifikazzjoni ta' wieħed mis-saċerdoti tagħna, Dun Mikiel Attard.

Dawn l-uffiċċji kienu msieħba minn ħidma oħra marbuta mal-ministeru tiegħek. Għal għaxar snin kont Chaplain Djoċesan taż-Żgħażagħ Ħaddiem Insara. Kont u għadek tgħin fil-formazzjoni spiritwali tan-novizzi u s-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn Malta. Xhieda tal-impenn tiegħek f'dan il-qasam, dejjem b'inizjattiva tiegħek, inti għażilt li tapprofondixxi l-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margherita Debrincat biex hekk għaraft toħroġ l-karatteristiċi spiritwali ta' din is-soru li tgawdi fama ta' qdusija. Nirrikonoxxi li l-kitbiet tiegħek dwar dan is-suġġett llum huma riżorsa unika għal min jixtieq jixrob mill-għajn ta' perfezzjoni nisranija.

Il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet u għadha l-għalqa tad-dwieli li ħabbejt u ħdimt biex taraha trodd għeneb bnin. Għal tmien snin kont Vigarju Parrokkjali u kont ukoll l-ewwel Kanoniku Teologu tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ.

Il-Mulej mhux biss żejnek b'kelma ħajja tant li inti wieħed mill-predikaturi mfittxija fid-Djoċesi imma tak ukoll pinna tajba. Infatti barra diversi kitbiet ta' natura spiritwali u pastorali, inti ppublikajt il-ktieb "Il-Prinċep tal-Martri" frott ta' riċerka li int għamilt dwar il-kult u l-ikonografija universali ta' San Ġorġ Martri.

Meta inqis dan kollu, jien ħassejt li għandi naħtrek Monsinjur Onorarju tal-Kapitlu tal-Katidral tagħna. Għalhekk wara li bl-ittra tal-24 ta' Diċembru 2011 ir-Reverendu Kapitlu kkomunikali l-parir favorevoli għal din in-nomina tiegħek, bil-preżenti naħtrek Kanoniku Onorarju bid-drittijiet u d-dmirijiet skont l-istatuti tal-imsemmi Kapitlu.

Maħruġ mill-Kurja tal-Isqof, Rabat, Għawdex, illum fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesu Kristu, 25 ta' Diċembru 2011.

**Mons. Salv Debrincat**
**Kanċellier**

**+ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

Imma barra li ħabb il-qaddis, Dun Ġużepp ħabb ukoll il-parroċċa tiegħu hawn fil-Belt Victoria. Imwieled ir-Rabat ta' Għawdex fl-24 ta' Ottubru 1941, Ġużeppi Gauci rċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċew tar-Rabat u mbagħad fis-Seminarju ta' Għawdex. Hu ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex, fil-25 ta' April 1965, jumejn biss wara l-festa liturġika ta' San Ġorġ; għalhekk ma setax jonqos li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar it-2 ta' Mejju, sewwa sew fuq l-Altar tal-Kor, għad-dell tal-ħarsa ħelwa ta' San Ġorġ tal-Preti.

Dritt wara l-ordinazzjoni tiegħu hu beda jservi ta' viċi-parroku fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u fl-1970 ġie maħtur formalment vigarju ta' l-Arċipriet tar-Rabat Mons. Mikiel Cefai, li minn hemm 'il quddiem żammu bħala l-id il-leminija tiegħu għax ra fih saċerdot ħabrieki li kellu għal qalbu l-ġid ta' l-erwieħ. Barra l-ħidma pastorali bla waqfien ġol-Bażilika u 'l barra minn ħitanha, iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies, is-servizz fil-liturġija u l-amministrazzjoni assidwa tas-sagramenti, Dun Ġużepp tħabat ukoll biex twaqqaf il-Kumitat Storiku-Kulturali fl-1971, u mbagħad il-*Chorus Urbanus*, li ġie inawgurat uffiċjalment fil-Vġili tal-Milied ta' l-1975. Hu mhux biss kien il-fundatur ta' dan il-kor, imma akkumpanjah bħala l-ewwel direttur mużikali tiegħu fl-ewwel mawra barra minn Malta, fl-Italja, fejn il-kor kellu suċċessi kbar fid-Duomo ta' Milan u fil-Katidral tal-Lateran f'Ruma. Għal xi żmien, Dun Ġużepp kien ukoll direttur spiritwali ta' l-*Għaqda Żgħażagħ La Stella*. Fl-1976, meta twaqqfet il-Kolleġġjata Ġorġjana, l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħatru l-ewwel Kanonku Teologu tal-Kapitlu, fejn baqa' jservi sa l-1990.

Dun Ġużepp ta wkoll servizz importanti lid-djoċesi f'diversi oqsma. Għal fuq erbgħin sena sħaħ hu kien involut fil-qasam edukattiv, l-ewwel bħala Prefett ta' l-Istudji fis-Seminarju ta' Għawdex bejn l-1967 u l-1973, u iktar tard bħala għalliem tar-Reliġjon u Prefett tad-Dixxiplina fis-Seminarju Minuri. Għal għaxar snin kien ukoll kappillan djoċesan tal-Moviment *Żgħażagħ Ħaddiema Nsara*, li kien jiltaqa' f'ċentru fi Triq Mons. Giuseppe Farrugia, qrib San Ġorġ.

Imma forsi waħda mill-aktar ħidmiet li jwettaq għal qalbu hi dik qrib is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Hu studja bir-reqqa l-ħajja u l-kitbiet tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat, u pproduċa bosta kitbiet fuq l-ispiritwalità tagħha, fost l-oħrajn dan l-aħħar traduzzjoni għall-Malti ta' ktieb dwarha. Kien għalhekk li ġie mitlub jagħti sehmu fil-promozzjoni tal-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha, u ngħata wkoll ir-responsabbiltà tal-formazzjoni spiritwali tan-novizzi tal-Kongregazzjoni, anki barra minn Malta. Dun Ġużepp hu wkoll id-direttur spiritwali ta' l-Iskola Primarja *St Francis* fir-Rabat, u spiss jiċċelebra l-Quddiesa għall-komunità tas-sorijiet fil-*Casa Madre* fi Triq Palma. Issa reċentement l-Isqof Mario Grech talbu jgħinu biex jiġbor ix-xhieda għall-proċess djoċesan tal-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel Attard, li fetaħ f'Novembru 2010.

Lura għal San Ġorġ, fl-2003 Dun Ġużepp ġie fdat bit-trasportazzjoni tar-relikwa insinji ta' San Ġorġ minn Ruma għal Għawdex fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Martirju, u kien hu wkoll li kiteb it-test tal-Velja sabiħa li nżammet għall-ewwel darba fi Pjazza San Ġorġ f'April ta' dik is-sena f'rabta mal-lejl tal-martirju. Minkejja l-età, Dun Ġużepp għadu sal-lum attiv u disponibbli fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Mhux biss isegwi b'entużjażmu kull ma jkun għaddej u jgħaddi s-suġġerimenti prattiċi tiegħu, imma jagħmel ħiltu biex jieħu sehem fil-liturġija u fil-ħajja tal-parroċċa. Jiċċelebra l-Quddiesa tal-Ħadd fl-10.00am għat-tfal u l-familji tal-parroċċa u jsegwi l-pastorali mat-tfal; jieħu ħsieb il-formazzjoni spiritwali tal-membri tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss; jieħu sehem regolari fi programmi ta' formazzjoni fuq *Leħen il-Belt Victoria*; u ħafna aktar.

Kellu raġun għalhekk l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, fid-dawl ta' dik li hu sejjaħ "predilezzjoni għas-saċerdozju" li dejjem spikkat f'Dun Ġużepp tul sitta u erbgħin sena ta' saċerdozju, jirrikonoxxi l-ħidma tiegħu u fl-24 ta' Diċembru jfittex il-kunsens tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex biex jonora lil Dun Ġużepp bit-titlu ta' Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' l-Assunta. Fid-digriet tal-ħatra, **(ara ritratt)** iffirmat propju f'jum il-Milied ta' l-2011, l-Isqof Grech żied jelenka l-kwalitajiet sbieħ li jidhru fil-figura ta' Dun Ġużepp Gauci. Fost l-oħrajn kitiblu hekk: "Il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet u għadha l-għalqa tad-dwieli li ħabbejt u ħdimt biex taraha trodd għeneb bnin". L-Isqof jissokta jgħidlu li l-Mulej żejnu b'kelma ħajja, tant li hu wieħed mill-predikaturi mfittxija fid-djoċesi, imma tah ukoll pinna tajba. L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-Kapitlu Ġorġjan bagħtu jifirħu lil Dun Ġużepp għall-ħatra tiegħu.

Il-ġieħ li rċieva Dun Ġużepp b'din il-ħatra m'hux biss għalih personali, imma wkoll għall-komunità Ġorġjana. Inżommu f'moħħna li hu l-ewwel membru tal-kleru ta' San Ġorġ li ġie maħtur membru tal-Kapitlu Katidrali minn kemm ilha li twaqqfet il-Kolleġġjata Ġorġjana fl-1976. Dan meta sa qabel din id-data, bosta kienu s-saċerdoti ta' San Ġorġ li kienu jiġu maħtura monsinjuri tal-Katidral, l-aħħar wieħed fosthom Mons. Ġużeppi Farrugia (*Ta' Menzja*), li miet fl-1998. Għalkemm igawdi mid-drittijiet u d-dmirijiet kollha tal-Kapitlu, monsinjur onorarju m'hux marbut li jattendi għas-servizzi kollha fil-Katidral. Ma' Dun Ġużepp, ġew maħtura wkoll monsinjuri onorarji tal-Kapitlu Katidrali, Dun Anton Sultana, Arċipriet Emeritu tal-Qala, u l-Kan. Ġużeppi Zammit, rettur tal-Bażilika tal-Patroċinju fl-Għasri. Fit-30 ta' Diċembru 2011, l-Isqof ippreżenta formalment id-digriet tal-ħatra lill-monsinjuri l-ġodda waqt ċerimonja li nżammet fil-Kurja Veksovili, u li għaliha kien hemm preżenti l-Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, il-vigarju parrokkjali Mons. Anton Borg, ħut Dun Ġużepp u qraba tiegħu **(ara r-ritratt fil-qoxra ta' quddiem)**.

Lil Monsinjur Ġużeppi Gauci, li tassew kien jixraqlu dan l-unur, nawgurawlu u nixtequlu *Ad multos annos*!

# Insellmu lil Dun Dward (1914-2011)

Francesco Pio Attard

14 AGOSTO, 1938
BEN DI TE DISSE CHI DALL'INIZIO
CHIAMARTI EDOARDO VOLLE
NON MENTÌ QUEL NOME
EPPUR COME SE CIÒ
NON BASTASSE
IL SANGUE BONDÌ
CHE DAGLI INCLITI AVI
EREDITASTI NELLE TUE VENE
OR L'AUGURIO COMPÍ SALUTARE
SEI SACERDOTE
DELLA GLORIA
TOCCATO ORMAI IL CULMINE
IL TUO SOLE
CHE IN PIEN MERIGGIO SORTO
DA SULL' ALTARE I SUOI RAGGI
PROFUSAMENTE SPARGE
OGGI SÌ
PIUCCHÉ MOSÈ
SULL' OREB FIAMMEGGIANTE
TI SVELA
VIGILE DISPENSATORE DI GRAZIE
MIRACOLO NOVO
DELLA NOSTRA REDENZIONE
Con Approv. Ecc. Sac. Gius. Farrugia.

Edoardo Bondì, bin l-ispiżjar Luigi u martu Maria mwielda Mercieca, oħt il-Prim Imħallef Sir Arturo (ukoll President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*), twieled il-Belt Victoria, Għawdex, nhar San Ġużepp, id-19 ta' Marzu 1914. Billi kien fil-periklu tal-mewt, ġie mgħammed dak in-nhar stess mill-qabla Maria Rosa Gatt. Imbagħad, meta qaleb għall-aħjar, fit-22 ta' Marzu ħaduh il-Katidral fejn il-viċi-parroku Dun Marċell Agius għamillu l-funzjoni taż-żjut. Dun Dward stess kien iħobb jirrakkonta li l-ġenituri tiegħu xtaqu jeħduh jitgħammed San Ġorġ, imma f'dak ix-xahar stess fil-knisja parrokkjali kien għadu kemm beda l-iċċangar ta' l-art tal-korsija. Irċieva l-Griżma ta' l-Isqof fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ minn idejn l-Isqof Giovanni Maria Camilleri, nhar l-4 ta' Mejju 1921.

Billi kien ġej minn waħda mill-familji għolja tal-gżira – li fost l-oħrajn kienet għaddiet lill-Knisja propjetà tagħha fi Triq ir-Repubblika biex isservi ta' Palazz ta' l-Isqof, fejn il-lum hemm il-Kurja – Edward ma sabx diffikultà biex ikompli bl-istudji tiegħu fis-Seminarju. Wara l-ordnijiet minuri, li rċieva kollha minn idejn l-Isqof Mikiel Gonzi, hu ġie kkonsagrat saċerdot mill-istess Isqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, nhar il-31 ta' Lulju 1938; miegħu ġew ordnati wkoll Dun Ġorġ Mercieca mill-Belt Victoria (ziju ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca) u Dun Franġisk Grima min-Nadur (li miet qasir l-għomor). Iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fit-3 ta' Awwissu fil-Katidral, u fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fl-14 ta' Awwissu, fejn ippriedkalu Mons. Mikiel Cefai, iktar tard Arċipriet ta' San Ġorġ. Interessanti skrizzjoni bil-Latin li kitiblu s-*"Sac. Gius. Farrugia"* għal fuq is-santa ta' l-Ewwel Quddiesa **(ara fuq)**.

Ftit sibt dwar l-ewwel snin tas-saċerdozju ta' Dun Dward. Mons. Karm Grech, li kien jafu sew, qalli li bħala saċerdot żagħżugħ kien jgħin fil-lezzjonijiet tal-Katekiżmu li Dun Pawl Micallef, saċerdot mill-parroċċa ta' San Ġorġ, kien jagħti lit-tfal ta' l-Oratorju tiegħu fl-ewwel snin meta twaqqaf. Kien iqaddes ukoll il-Quddiesa tal-ħin tal-11.00am fil-knisja ta' San Ġakbu, fi Pjazza Indipendenza, u kien ukoll iqarar San Ġorġ. Il-Kan. Giovanni Bosco Cremona, Rettur tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, irrakkontali kif fis-snin qliel tat-Tieni Gwerra Dinjija, bejn l-1942 u l-1944, Dun Dward kien jinżel bil-mixi ta' kuljum biex jgħin fil-knisja tax-Xlendi, fejn kien jagħti daqqa t'id lir-Rettur Dun Ġużepp Grech Attard – li mbagħad sar Arċipriet tax-Xewkija – fil-ħtiġijiet li kellha l-knisja, billi jqarar, iqaddes u jippriedka, iqarben lill-morda fi djarhom u jieħu sehem fil-festi li kienu jsiru.

Imma mbagħad Dun Dward ġie maħtur Kappillan ta' l-Isqof, u għalhekk kellu jħalli din il-ħidma, li ħadha fuq spallejh Dun Karm Hili, ħu l-Arċipriet tar-Rabat Mons. Alfons. Fil-fatt Dun Dward qatta' parti sew mill-ministeru saċerdotali tiegħu qrib ta' żewġ Isqfijiet ta' Għawdex, l-ewwel ma' l-Isqof Mikiel Gonzi, imma l-iktar fit-tul bħala Kappillan u segretarju privat ta' l-Isqof Ġużeppi Pace, li dam iservih u jakkumpanjah fid-dehriet pubbliċi tiegħu kemm dan dam ragħaj spiritwali ta' Għawdex, jiġifieri mill-1944 sa l-1972.

Dun Dward kien iħobb iqatta' ħafna ħin f'San Ġorġ, kemm jitlob fil-Kor u kemm fis-sagristija, fejn il-karattru ferrieħi tiegħu kien jinħass sew! Imma hu taha wkoll servizz dedikat billi għal diversi snin, meta kien diġà anzjan sew, kien jiċċelebra ta' kuljum matul il-ġimgħa l-Quddiesa tas-12.40pm, għall-beneficċju tal-ħaddiema tal-Gvern li dak il-ħin kien ikollhom il-brejk kif ukoll għas-sidien tal-ħwienet li jkunu għadhom kemm għalqu l-istabbilimenti tagħhom. Din kienet saret Quddiesa assoċjata miegħu, u meta waqaf jagħmilha hu, ma baqgħetx issir! Il-lum naf li dan kien jagħmlu wkoll b'sagrifiċċju kbir personali, mhux biss għax kien ikun ħin l-ikel, imma wkoll għax hu kien joqgħod pjuttost 'il bogħod, u, fuq kollox, kien diġà mdaħħal fiż-żmien. Ta' San Ġorġ Dun Dward kien benefattur ukoll b'modi oħra, fost l-oħrajn b'materjal ta' valur li ħalla lill-Bażilika u li nittamaw li għad naraw fil-mużew tagħha.

B'rikonoxximent għas-servizz kbir tiegħu lill-Knisja f'Għawdex, Dun Dward kien ġie mżejjen bit-titlu ta' Kamrier Sigriet tal-Qdusija Tiegħu, u iktar tard ukoll b'dak ta' Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Għawdex. Imma ħajtu baqgħet waħda sempliċi! Minkejja l-esperjenza kbira tiegħu fiċ-ċrieki ta' l-awtorità ekkleżjastika, hu dejjem baqa' bniedem umli, rispettuż u bla ebda pretensjoni żejda. L-iktar li kienet tolqotni fih kienet it-tbissima u s-sens ta' umoriżmu li kellu; niftakru sew jiċċajta magħna t-tfal u l-abbatin fis-sagristija ta' San Ġorġ. Minkejja d-difett li kellu fis-smigħ, hu kien kapaċi 'jisimgħek' b'modi oħra, fost l-oħrajn billi jaqra minn fuq xofftejk dak li tkun trid tgħidlu. Barra minn hekk, minkejja tant snin jiġri ma' l-Isqof, Dun Dward baqa' jgħożż l-ambjent agrikolu li kien tassew għal qalbu u li kien iħossu jlaqqgħu mal-Ħallieq. L-għalqa kienet dejjem f'moħħu u kien iqatta' ħafna ħin jgħarrex fiha, medhi kif kien fid-delizzju ta' l-ikkultivar ta' l-art u fl-imħabba lejn il-ġmiel tan-natura!

Mons. Edward Bondì Dalli miet fid-dar ta' Ġanġu u Ġolina Saliba, 24, Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria, li kienu ilhom jieħdu ħsiebu għal dawn l-aħħar sittin sena. Il-funeral sarlu nhar l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2011, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, u tmexxa mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech. Għall-Quddiesa attendew bosta li kienu jafuh, fosthom il-President Emeritu ta' Malta Dr Edward Fenech Adami, u l-Ministru Austin Gatt li kien jiġi minnu.

**Ħajr** lill-Familja Saliba, is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u s-Sur Franco Masini għar-ritratti, kif ukoll lil Mons. Ġużeppi Gauci, il-Kan. Ġużeppi Sacco u Dun Duminku Camilleri għat-tagħrif li għaddewli.



F'ritratt (ir-raba' wieħed mix-xellug fir-ringiela ta' wara) ma' l-Isqof Ġużeppi Pace fl-1945. Jidhru wkoll, fost l-oħrajn, Patri Berardu Debrincat OFMCONV, l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, l-Arċidjaknu Mons. Alwiġ Cordina, Dr Francesco Masini u l-Gwardjan Patri Bernardin Attard OFMCONV.

...jaqbad mill-qoxra

# L-Arċipriet Mikiel Cefai

*"minn jeddu ried jeżerċita l-uffiċċju tiegħu ta' kappillan minn ġo San Ġorġ – permezz tiegħu l-knisja parrokkjali tagħna stagħniet qatigħ"*

**L-ewwel snin u studji**

Mikiel Cefai, iben Salvu u Grazzja mwielda Grech, ġenituri mill-iktar eżemplari magħrufin mar-raħal kollu, twieled il-Qala, Għawdex, fis-27 ta' Settembru 1891, u ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' l-istess raħal, fejn ingħata l-ismijiet ta' Mikieli, Orazju u Ġużeppi. Ta' sitt snin iċ-ċkejken Mikiel beda jmur l-iskola primarja fil-Qala. Alla l-Imbierek lil Mikiel Cefai żejnu bil-prerogattivi kollha: persuna sabiħa, intelliġenti u ta' memorja kbira, u fuq kollox bil-virtù tas-serjetà. Għadu ċkejken fuq il-bank ta' l-iskola, Mons. Cefai beda juri l-ħajra li jsir qassis. Meta għadda l-iskola tal-Gvern u dik tal-Liċew fir-Rabat ta' Għawdex, fejn dejjem kien minn ta' quddiem fost sħabu, huwa mbagħad għadda għas-Seminarju ta' Għawdex biex jibda t-triq għas-saċerdozju.

Meta kien student fil-Filosofija u fit-Teoloġija, kien dejjem l-ewwel wieħed fost sħabu. Il-kjeriku Mikiel Cefai, barra li kien bravu, kien ukoll meqjus fi kliemu u f'għemilu. Meta temm l-istudji filosofiċi u teoloġiċi, ġie ordnat qassis fil-Katidral ta' Għawdex, fit-18 ta' Diċembru 1915, mill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Giovanni Marija Camilleri OSA.

**Saċerdot**



L-erba' saċerdoti novelli mill-Qala, f'ritratt wara l-ordinazzjoni tagħhom fit-18 ta' Diċembru 1915: Dun Mikiel Cefai (l-ewwel mix-xellug), Dun Salv Vella, Dun Mikiel Mercieca, u Dun Ġużepp Vella.

Dun Mikiel Cefai ġie ordnat saċerdot flimkien ma' tliet saċerdoti oħra, ilkoll mill-Qala, li kienu Dun Salv Vella, Dun Mikiel Mercieca u Dun Ġużepp Vella, li wara sar kappillan ta' l-istess raħal twelidu. Fil-*Prima Messa* ta' Dun Mikiel Mercieca, li saret fil-25 ta' Diċembru 1915, il-paniġierku kien għamilhulu l-istess saċerdot novell sieħbu, Dun Mikiel Cefai, fil-waqt li fl-Ewwel Quddiesa Solenni ta' l-istess Dun Mikiel Cefai, li saret fl-1 ta' Jannar 1916, il-paniġierku kien sar minn Mons. Anton Debono. Dun Ġużepp Vella għamel l-Ewwel Quddiesa tiegħu fis-26 ta' Diċembru ta' dik is-sena, u l-paniġierku kien għamlu Mons. Alfons M. Hili. Ir-raba' saċerdot, Dun Salv Vella, għamel l-Ewwel Quddiesa tiegħu fis-6 ta' Jannar 1916, u l-paniġierku għamlu Mons. G. Vella. Dun Mikiel Cefai kien tassew żina tas-saċerdozju.

Mis-Seminarju Dun Mikiel Cefai ħareġ imħarreġ sewwa, mhux biss fl-istudju imma wkoll f'dik li hija spiritwalità, u ż-żmien wera tassew min kien u x'doni kellu dan il-qassis ġdid. L-ewwel xogħol li wettaq fil-parroċċa tiegħu kien dak ta' viċi-parroku, xogħol li kien jitlob sagrifiċċju fiż-żminijiet l-imgħoddija. Max-xogħol ta' viċi-parroku Dun Mikiel kellu wkoll dak ta' prokuratur ta' l-*"esiti"* fil-parroċċa. Il-ħila tiegħu ġielgħet lis-superjuri tiegħu jitfgħu għajnejhom fuqu.

**Vigarju u Prokuratur**

Bil-mewt tal-Kappillan tal-Qala Dun Ġwann Saliba, li kien mir-Rabat, u li ġrat fit-23 ta' Marzu 1919, il-Qala sebħet vakanti. Mill-24 ta' Marzu ta' dik is-sena sat-12 ta' Mejju, l-Isqof Ġ.M. Camilleri għażel bħala Vigarju Kurat liż-żagħżugħ saċerdot Dun Mikiel Cefai. Huwa baqa' f'din il-kariga sa ma laħaq il-Kappillan il-ġdid, li kien Dun M'Angelo Cauchi. Bħala prokuratur tal-knisja parrokkjali, Dun Mikiel Cefai kien dam sas-sena 1927, jiġifieri ta servizz għal tnax-il sena sħaħ.

Fis-sena 1927, Dun Mikiel Cefai temm il-ħidma tiegħu bħala prokuratur tal-knisja ta' raħal twelidu għax kien ġie nnominat mill-Isqof Mikiel Gonzi, dak in-nhar Isqof ta' Għawdex, bħala Penitenzier tal-Kapitlu tal-Katidral.

**Bosta karigi fid-djoċesi**

Dun Mikiel Cefai kien maħtur Arċipriet tal-parroċċi tar-Rabat, il-Katidral u San Ġorġ, fis-sena 1944, fejn dam għal aktar minn tnejn u tletin sena. Barra din il-kariga, Mons. Mikiel Cefai mal-medda tas-snin kien ukoll membru tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex, president tat-Tribunal Ekklażjastiku Djoċesan, u membru tal-Bord ta' l-Eżaminaturi Prosinodali. Huwa kien ukoll membru tal-Bord Djoċesan taċ-Ċensura, President tal-Kulleġġ tal-Kappillani Għawdxin, u Prelat Domestiku tal-*Camera Pontificia.*

Mons. Mikiel Cefai kien ukoll imżejjen bil-karizma tal-predikazzjoni u bl-għerf tal-Kotba Mqaddsa. Fuqhom nistgħu ngħidu li bena s-saċerdozju tiegħu. Bħala predikatur huwa niseġ l-aqwa paniġierki minn fuq il-pulpti ta' Malta u Għawdex. Kellu kelma li tqanqal, issaħħar u fuq kollox tikkonvinċi. Imma Mons. Cefai mhux biss kien predikatur imfittex, imma kien ukoll l-imgħallem għal dawk illi kienu jħejju rwieħhom għas-saċerdozju. Kien l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi li sejjaħ lil Mons. Mikiel Cefai u għażlu mhux biss bħala *padre spirituale* fis-Seminarju, imma wkoll erħielu f'idejh it-tagħlim tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Mons. Cefai baqa' jissemma mhux biss għat-tagħlim li ta bħala professur ta' dawn iż-żewġ xjenzi, imma wkoll għall-mod kif mexxa d-direzzjoni spiritwali lil dawk li riedu jsiru qassisin. L-għażla ta' direttur spiritwali tas-Seminarju Maġġuri kienet saret fis-sena 1924.

Mons. Isqof Mikiel Gonzi kien għażel ukoll lil Dun Mikiel Cefai bħala kanonku lettur tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Kien ħa l-pussess fit-3 ta' Mejju 1927. Wara, l-istess Isqof ħatar lil Mons. Cefai kanonku penitenzier ta' l-istess kapitlu. Bħala moralista Mons. Cefai baqa' msemmi kemm kien jinqala' biex iħoll il-każijiet tal-Morali. Lil Mons. Cefai insibuh ukoll eżaminatur sinodali u prosinodali tal-kleru, delegat ta' l-isqof tad-djoċesi, u bosta drabi *locum tenens.* Barra dan ix-xogħol, Mons. Cefai kien ukoll konfessur assidwu tal-komunitajiet reliġjużi. Għal bosta snin Mons. Cefai kellu wkoll il-kariga ta' uffiċċjal tat-Tribunal Ekkleżjastiku tad-Djoċesi ta' Għawdex.

## Arċipriet u Vigarju Ġenerali



L-ikbar xogħol ta' pastorali li Mons. Mikiel Cefai wettaq kien dak ta' Arċipriet tal-parroċċi tal-Belt Victoria. Din il-ħidma kollha kellha medda ta' aktar minn tletin sena. L-Arċipriet Cefai jibqa' msemmi mhux biss għall-priedki li kien jaf jinseġ bl-ikbar sengħa, imma wkoll għall-ispjega tal-Katekiżmu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, li kien jagħmel kull nhar ta' Ħadd wara l-Għasar. Fi żmienu wkoll il-Bażilika ta' San Ġorġ, il-lum Kolleġġjata, iżżejnet bl-isbaħ opri artistiċi, li huma l-pittura tal-Professur Gian Battista Conti u l-irħamijiet li jiksu l-ħitan ta' l-istess bażilika. Fuq kollox l-Arċipriet Cefai kien jgħasses fuq il-parruċċani tiegħu, liema dmir baqa' jħossu sal-15 ta' Marzu 1976, meta l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi ħatru vigarju ġenerali tiegħu.

Il-figura tal-Vigarju Ġenerali Mons. Mikiel Cefai żgur li ma tintesa qatt, u għalkemm il-lum huwa mejjet, l-għemejjel tiegħu jibqgħu jkellmuna fis-skiet ta' qalbna u ruħna.

## Rabta ma' raħal twelidu

Fit-22 ta' Ġunju 1922 waslu f'Għawdex il-qniepen tal-knisja parrokkjali tal-Qala. It-tberik ta' dawn il-qniepen sar mill-E.T. Mons. Ġużeppi Maria Camilleri, Isqof ta' Għawdex, nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju ta' l-istess sena. Hawn ukoll Mons. Mikel Cefai kien il-magħżul biex jinseġ id-diskors ta' din l-okkażjoni hekk kbira u sinifikanti.

F'Awwissu 1954 il-Qala organizzat b'suċċess kbir l-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tas-santwarju nazzjonali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Din saret fl-ewwel Ħadd ta' Awwissu fil-pjazza ta' l-istess knisja parrokkjali tal-Qala. Quddiem folol kbar li ħonqu kull rokna ta' din il-pjazza, qabel ma l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace poġġa l-kuruna tad-deheb u djamanti fuq ras l-Immakulata, mess lil Mons. Mikiel Cefai jinseġ id-diskors studjat u mirqum ta' din l-okkażjoni unika u speċjali. Dan intlaqa' b'ċapċip kbir ta' approvazzjoni minn dawk kollha preżenti.

Mons. Mikiel Cefai kien ukoll il-kelliem mistieden biex jagħmel id-diskors kommemorattiv fl-okkażjoni ta' kxif ta' lapida kommemorattiva li twaħħlet mal-faċċata tad-dar li fiha twieled Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg, l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Din il-funzjoni nżammet nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju 1947, f'Nru 30, Triq l-Imġarr, u bdiet b'korteo mill-knisja parrokkjali li fih ħadu sehem rappreżentanti tal-Kapitlu tal-Katidral, kif ukoll tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, fejn kien kappillan l-istess Isqof Buttigieg qabel laħaq isqof. Kienu preżenti wkoll il-Kummissarju għal Għawdex u diversi kapijiet tad-dipartimenti u l-kumitat organizzattiv.



F'ritratt uffiċjali (it-tielet wieħed mix-xellug fir-ringiela ta' quddiem) mal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex fl-okkażjoni tat-tliet mitt sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta, 1973. Fuq ix-xellug tiegħu jidher ukoll Mons. Emanuel Mercieca, suċċessur tiegħu bħala Arċipriet ta' San Ġorġ.

Dun Ġużepp Vella, li kien is-seba' kappillan tal-Qala, wieħed mill-aktar kappillani ħabrieka u spiritwali li qatt kellha l-parroċċa tal-Qala, miet fit-12 ta' Awwissu 1955, wara parrokat ta' tmienja u għoxrin sena, fl-età ta' 65 sena. Il-funeral sar l-għada s-Sibt, fejn l-orazzjoni funebri saritlu minn Mons. Mikiel Cefai, Arċipriet tar-Rabat u kompajżan iben l-istess Qala.

Sabiex titfakkar il-ġrajja kbira ta' l-inkurunazzjoni tal-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, li seħħ fl-1954, il-parroċċa tal-Qala, permezz tal-prokuratur ħabrieki Dun Anġ Camilleri, waqqfet monument fil-pjazza, fil-post fejn kienet seħħet din il-ġrajja. Dan il-monument jikkonsisti f'pedestall magħmul mill-ġebel taż-żonqor maqtugħ mill-barriera tal-qawwi li tinsab fl-istess raħal, u fuqu tpoġġiet statwa ta' l-irħam abjad minn Pietrasanta ta' Ruma fl-Italja. U hawn jerġa' jidħol Mons. Mikiel Cefai, li kien għal darb'oħra l-mistieden li għamel id-diskors ta' l-okkażjoni li sar qabel il-kxif u t-tberik ta' l-istess statwa, li sar mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, l-Isqof ta' Għawdex, f'Awwissu 1964.

F'età avvanzata ħafna, Mons. Mikiel Cefai, vigarju ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex, kien għamel diskors qasir ta' l-okkażjoni fil-Quddiesa Solenni li Dun Angelo Camilleri kien organizza f'għeluq il-ħamsin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Din saret fil-knisja arċipretali tal-Qala f'Awwissu 1977.



F'ritratt ma' l-Isqof ta' Għawdex Mikiel Gonzi u l-professuri tas-Seminarju ta' Għawdex (l-ewwel wieħed mil-lemin fir-ringiela ta' quddiem).

### Mewtu

Mons. Mikiel Cefai kien magħruf ħafna kemm f'Għawdex u kemm f'Malta. Barra l-għerf kbir li bih kien mogħni, kien meqjus wieħed mill-aqwa predikaturi ta' żmienu fil-gżejjer Maltin. Huwa kien konsultur dommatiku u moralista kbir. M'għandix dubju li Mons. Cefai kien, ma' oħrajn, l-id il-leminija ta' l-isqfijiet li ħadem magħhom, u li kienu jagħtu widen kbir għall-pariri li huwa kien jagħtihom.

Nhar it-Tlieta 1 ta' Diċembru 1981 Għawdex kollu sebaħ f'luttu, meta l-Vigarju Ġenerali Mons. Mikiel Cefai, wara ħajja twila mimlija ħidma fl-għalqa tal-Mulej, għadda għal ħajja oħra bla tmiem. Sarlu Funeral Solenni fir-Rabat, fejn il-katavru tiegħu ġie meqjum kemm fil-Katidral ta' l-Assunta u kemm fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Il-ġisem tal-maħbub u qatt minsi Mons. Mikiel Cefai jinsab jistrieħ f'qabar li huwa nnifsu kien ħejja minn qabel fiċ-ċimiterju tal-Kunċizzjoni tal-Qala, ir-raħal li fih ħa l-ħajja u li lilu kien tant iħobb.

### Referenzi


1. Ħafna mit-tagħrif użat f'din il-kitba hu meħud mid-diversi ħarġiet ta' *Leħen il-Qala*, liema informazzjoni kienet ittieħdet mir-reġistri tal-kronaka tal-parroċċa ta' l-istess raħal u ppreżentata mill-mibki Kan. Nikol Vella Apap.
2. Kien ikkonsultat ukoll esej li kien kiteb fuq Mons. Cefai l-eks-Arċipriet tal-Qala, Mons. Anton Sultana.
3. Kitba oħra li wkoll kienet ikkonsultata kienet dik ta' Dun Angelo Camilleri, ħabib intimu ta' Mons. Cefai.


**Ħajr** lill-Arkivju Parrokkjali tal-Qala, lis-Seminarju ta' Għawdex u lil Dun Giovanni Meilak għar-ritratti.

# Proġett ta' *ekoGħawdex* imwettaq u mħallas



Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi josserva x-xogħol ta' restawr li sar fuq l-eqdem żewġ reġistri tal-Bażilika ta' San Ġorġ, fl-inawgurazzjoni uffiċjali tal-laboratorju ġdid tad-ditta *PrevArti* fil-*Mosta Technopark*, nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2011.

Fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 2011 konna ħabbarnielkom li l-Bażilika ta' San Ġorġ ibbenefikat mill-iskema ta' għajnuna finanzjarja maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex fil-Pjan ta' Azzjoni *eko-Għawdex* għal proġetti kulturali sostenibbli mwettqa minn organizzazzjonijiet non-governattivi Għawdxin. Il-Ministeru għoġbu jinvesti kważi €30,000 fil-proġett *Reviving our Roots* propost mill-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

Fl-aħħar xhur sar ħafna xogħol mill-kumitat responsabbli, hekk li sa tmiem l-2011, il-mira mixtieqa ntlaħqet b'mod sodisfaċenti. Fil-fatt, grazzi għal kuntratti ma' tliet kumpaniji differenti, twettqu dawn il-komponenti tal-proġett:

1. ġew irrestawrati professjonalment mid-ditta *PrevArti* l-eqdem żewġ reġistri parrokkjali tas-seklu sbatax, kif ukoll iddiżinfestati l-volumi kollha ta' reġistri fl-arkivji tal-Bażilika;
2. inxtara, permezz tad-ditta *Vianet*, apparat professjonali għad-diġitizzazzjoni ta' manuskritti qodma, li jinkludi kompjuter *dual core*, *scanner* u *printer* A3, flimkien ma' *camera* moderna għar-ritratti – dan l-apparat kollu qed jinżamm fil-Librerija Parrokkjali u diġà qed jitħaddem;
3. tqiegħed mid-ditta *Exalta* fi Pjazza San Ġorġ pannell awdjo-viżiv ta' interpretazzjoni b'tagħrif dwar il-Bażilika għall-benefiċċju tat-turisti li jżuruna, li sa jkompli jiġi aġġornat fix-xhur li ġejjin.

Il-Bażilika ta' San Ġorġ kienet fost l-ewwel organizzazzjonijiet li gawdew minn din l-iskema li rnexxielha twettaq il-proġett tagħha sa tmiem din is-sena finanzjarja. Tant hu hekk li l-*project leader* Francesco Pio Attard kien fost dawk imsejħa fil-Ministeru, fl-20 ta' Diċembru 2011, biex jirċievu ċ-ċekkijiet bis-somma totali tal-kofinanzjament.

L-amministrazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ pubblikament tirringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat ta' *Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali* għal dawn il-fondi.

# Ħalliena Frank L. Mercieca, ħabib kbir ta' l-għerf u tal-Malti



Fid-9 ta' Novembru 2011 ħalliena ħabib kbir ta' San Ġorġ, li nissograw ngħidu li kien wieħed mill-egħref Għawdxin u l-iżjed eruditi ta' żmienna. Frank L. Mercieca *Tax-Xelina*, li kien joqgħod Pjazza Santu Wistin, miet fl-età ta' 74 sena, wara marda li fi ftit snin ħaditlu saħħtu kollha.

Ħafna minna nafu lil Frank ħdejn il-ħanut *Tal-Patri* fi Pjazza San Ġorġ, fejn kien iħobb jintefa' jgħid kelma mal-ħbieb – bejn kafè u xi żewġ sigaretti – qabel jew wara li jkun daħal fil-Bażilika għall-Quddiesa ta' 12.00pm, li ma kien jitlifha qatt. Fi Frank tlifna studjuż, lingwista, grammaturgu, bniedem għaref u kult li ħsiebu kien biss kif ħa jxerred it-tagħlim, speċjalment qalb dawk ta' età iktar żagħżugħa. Ħafna jgħidulek li kien jaf jitkellem fuq kollox!

L-imħabba tiegħu lejn il-grammatika u l-lingwistika Maltija kienet impressjonanti; fil-fatt kien imsieħeb fl-Akkademja tal-Malti. Madankollu, ma tfantasx jikkritika fejn kien hemm bżonn għax ra li qed isiru nuqqasijiet kontra l-ilsien maħbub tagħna. Kien għalhekk li sab oġġezzjoni għal uħud mid-Deċiżjonijiet li ttieħdu dan l-aħħar mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti dwar kif jinkiteb ċertu kliem, tant li kkritikahom bil-miftuħ fil-gazzetti, u sakemm marad kien qed iħejji wkoll speċi ta' dizzjunarju biex jispjega l-pożizzjoni tiegħu b'mod metodiku u bl-għajnuna ta' eżempji, kif kien jaf jagħmel tant tajjeb. Fuq il-kelma "Awwissu", każ wieħed fost ħafna, l-Akkademja tatu raġun! Ngħidu bla tlaqliq li, ispirati minnu u konvinti mill-argumenti solidi tiegħu, bħala bord editorjali minn kmieni ddeċidejna li aħna wkoll inżommu ma' l-ortografija ispirata mill-Grammatika "ta' Ninu" (Cremona), li Frank Mercieca kellu tant rispett lejh.

Il-Malti Frank ħabbu mhux għax studjah l-Università imma b'delizzju, billi qalleb il-kotba u stħarreġ bir-reqqa u l-loġika. L-istess kif kien jaf il-Latin qisu t-tieni lingwa tiegħu; min jaf kemm lapidi u skrizzjonijiet – anki f'San Ġorġ – għaddew minn taħt għajnejh! Kien Latinista prim, iħaqqaqha sew ma' studjużi bħal Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso. Id-dar kellu l-akbar kollezzjoni ta' skritti ta' *Ġiljosa*, u kien irnexxielu jiġbor ukoll antoloġija tal-poeżiji tiegħu li ħasra li baqgħet ma ratx id-dawl ta' l-istampa! Ta' l-inqas laħaq qassam ħafna minnhom lil ġurnali u rivisti lokali. Ħadem ukoll biex xi poeżiji ta' Mary Meylak, li tagħha kien ammiratur, jaraw id-dawl. Il-qari kien l-hena tiegħu, u l-ħin liberu, jekk mhux fl-għalqa li tant kien iħobb, kien iqattgħu jqalleb il-ġurnali, ir-rivisti u l-kotba.

Frank L. Mercieca twieled il-Belt Victoria fit-30 ta' Awwissu 1937, bin Kelinu u Karmela mwielda Debrincat, u ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Missieru kien prim kuġin ma' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Għex tfulitu fit-Tieni Gwerra Dinjija, tant li l-Griżma ta' l-Isqof irċeviha fil-21 ta' Ġunju 1944. Meta kien għadu iżgħar, intbagħat jagħmel korsijiet organizzati mill-*Food and Agriculture Organisation* tal-Ġnus Magħquda fil-Libanu (1965) u fl-Estonja (1966). Bejn l-1966 u l-1968 attenda l-*West of Scotland Agricultural College* fejn kiseb diploma fil-*Course of Instruction in Dairy Technology and the Allied Sciences*. Fl-1970 attenda kors fl-*International Dairy Education Centre* f'Copenhagen, id-Danimarka. Xogħol Frank kien għal diversi snin bħala *Dairy Foreman* u *Manager* fl-impjant tal-*Milk Marketing Undertaking* ta' Għawdex, fejn kien metikoluż u dixxiplinat. Dwar l-agrikultura, ix-xitel u l-pjanti kien espert.

Mercieca kien fuq kollox benefattur ta' San Ġorġ. Kien jinteressa ruħu f'dak kollu li hu Ġorġjan u l-proġetti li jsiru fil-Bażilika, u kellu memorja tajba ħafna ta' l-imgħoddi tal-parroċċa. Semma' leħnu f'kemm-il sensiela fuq ir-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria*, u anki f'din ir-rivista ġie li ppubblika xi poeżija mill-bosta li kien jikteb, mirquma u b'lirika msejsa sew fuq ir-regoli klassiċi tal-poeżija Latina. Fil-fatt kien rebaħ ukoll konkors ta' poeżija mniedi minn wieħed mill-ġurnali lokali bil-Malti.

Il-funeral ta' Frank Mercieca sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar is-Sibt 11 ta' Novembru 2011. Fuq is-santa tal-mewt tiegħu dehret poeżija sabiħa ħafna li hu stess kien kiteb, *Lil Marija Addolorata*, li tikxef is-sentiment reliġjuż qawwi li hemm f'qalb il-poeta.

Jixraq li minn dawn il-kolonni nsellmu t-tifkira tiegħu u nirrikonoxxu l-influwenza qawwija li ħalla fuq bosta membri tal-komunità Ġorġjana għal imħabba akbar lejn l-għerf f'kull għamla tiegħu.

*Ritratt:* F'wieħed mill-aħħar ritratti tiegħu, jidher f'Lulju 2011, fl-istudju ta' l-artist Frank Cassar, ħabib kbir tiegħu, maġenb l-istatwa rrestawrata ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, qabel tqiegħdet lura f'postha.

Ħajr lil John Cremona, neputi ta' Frank, u lil Frank Cassar tat-tagħrif li għaddewlna.

# *Mixja għall-Għarajjes bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani*

Mario Casha

Bħalma seħħ is-sena l-oħra, anki f'din is-Sena Pastorali l-parroċċa tagħna offriet il-Mixja għall-Għarajjes bi tħejjija għaż-Żwieġ fil-Knisja. Din hi mifruxa fuq sentejn: għalhekk hemm grupp ta' għarajjes li kompla mis-sena ta' qabel, fil-waqt li grupp ieħor beda l-kors għall-ewwel darba.

Anki din is-sena l-Mixja hija mmexxija minn Dun Anton Teuma, delegat ta' l-Isqof fil-Kummissjoni Familja fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex, li jkun akkumpanjat minn numri ta' koppji miżżewġa li jgħinuh bħala animaturi u li jaqsmu huma wkoll l-esperjenzi tagħhom ma' l-għarajjes. Jakkumpanja l-grupp ukoll l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona.

It-temi trattati matul din is-sena huma kemxejn psikoloġiċi, u jinkludu materji bħall-komunikazzjoni, il-kunflitti, l-imħabba bejnietna, id-dinamika tas-sesswalità, il-finanzi u kif nagħmlu użu tajjeb mill-flus.

Dawn il-laqgħat isiru Ħadd iva u Ħadd le, fl-9.45am, fl-Awla Kapitulari, bejn Ottubru u Mejju.

*Mario Casha hu wieħed mill-animaturi fil-formazzjoni tal-koppji għarajjes fil-parroċċa tagħna.*



# Iż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof Mario Grech fl-Awstralja

## akkumpanjat minn Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet ta' San Ġorġ

***Emanuel Zammit****, emigrant Ġorġjan li jgħix Sydney, jiktbilna dwar l-esperjenza taż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech fl-Awstralja, bejn it-28 ta' Settembru u l-1 ta' Novembru 2011, fejn żar il-komunitajiet Għawdxin f'Sydney, Melbourne u Adelaide, fost bliet oħra kbar f'dan il-kontinent. F'dan il-vjaġġ l-Isqof kien akkumpanjat minn grupp ta' saċerdoti u lajċi minn Għawdex, fosthom l-Arċipriet tagħna Mons. Pawlu Cardona, li ħa l-okkażjoni biex jiltaqa' ma' diversi emigranti mill-parroċċa ta' San Ġorġ, u wasslilhom it-tislijiet tal-komunità parrokkjali tagħna. F'Ottubru 1980, Mons. Emanuel Mercieca kien l-ewwel Arċipriet ta' San Ġorġ li żar l-emigranti tagħna fl-Awstralja. L-Arċipriet Mons. Salv Borg, imbagħad, żar il-Kanada darbtejn.*

"Ġej fostkom bħala ħukom fil-mixja tal-fidi wara Kristu u bħala ragħaj spiritwali". Hekk kitbilna l-E.T. l-Isqof Mario Grech lilna l-emigranti fl-Awstralja, ftit ġranet qabel beda ż-Żjara Pastorali fostna. U qalbna xegħlet għal dan il-messaġġ!

F'Sydney ssaħħarna warajh biex nisimgħu minn fommu l-Kelma ta' Alla. Attendejna kotrana għal kull funzjoni li saret, u l-omeliji li l-Isqof għamlilna kienu qishom manna nieżla mis-Sema wara tant żmien ta' stennija biex naraw din iż-żjara ssir realtà.

L-ewwel Quddiesa fil-programm kienet is-Sibt fil-għodu, għar-residenti anzjani f'*St Dominic Hostel*, immexxi mis-sorijiet Dumnikani, fi Blacktown. Hawnhekk l-Isqof xebbah il-miġja tiegħu fl-Awstralja ma' meta l-Arkanġlu Gabrijel sellem lil Marija u qalilha: "Il-Mulej miegħek". Hekk ukoll hu ried jurina li l-Mulej qiegħed magħna l-emigranti fl-Awstralja.

Fil-għaxija mbagħad kien imiss li ssir Quddiesa oħra fiċ-Ċentru *La Valette* fejn is-sala kienet maħnuqa b'emigranti Maltin u Għawdxin. Frank Zammit ta merħba lill-Isqof b'dawn il-kelmiet:

"Ilqa' dil-merħba, o Ragħaj maħbub tagħna,
il-merħba mħeġġa ħierġa minn qiegħ qalbna;
għax ilha tħeġġeġ fina x-xewqa mqanqla
li narawk fostna u nisimgħu kliemek".

L-għada l-Ħadd 2 ta' Ottubru morna bi ħġarna fil-Katidral ta' St Mary, fil-belt ta' Sydney, għal Quddiesa Pontifikali. Jikkonċelebraw ma' l-Isqof kien hemm membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, kif ukoll Dun John Briffa SDB, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, il-Kan. Ġwann Sultana, il-Kan. Eddie Zammit, Patri Ġwann Vella OFM u Patri Remiġ Galea OFMCAP, li akkumpanjaw lill-Isqof minn Għawdex f'din iż-żjara tiegħu.

Quddiesa oħra li għaliha kien hemm attendenza ta' ħafna emigranti Maltin u Għawdxin saret fil-parroċċa ta' Our Lady Queen of Peace, f'Greystanes, nhar il-Ġimgħa fil-għaxija.

Is-Sibt 8 ta' Ottubru, f'nofs in-nhar, l-Isqof Grech mexxa Konċelebrazzjoni fil-knisja ddedikata lil St Mary of the Cross (Mary McKillop), l-ewwel qaddisa Awstraljana, u wara talab fuq il-qabar ta' l-istess qaddisa. Fil-għaxija mexxa Konċelebrazzjoni oħra, fil-parroċċa ta' Our Lady of Victoria, f'Horsley Park, fejn kien hemm 'il fuq minn ħames mitt ruħ.

Il-programm uffiċjali f'Sydney ingħalaq b'Quddiesa oħra fil-parroċċa ta' Riverstone u żjara fil-Klabb tal-Ħamrun, fejn għal darb'oħra kien hemm ħafna emigranti minn pajjiżna li kellhom ċans jiltaqgħu ma' l-Isqof. Hu kellu wkoll laqgħat mal-Kardinal George Pell u anki ma' l-Isqof ta' Parramatta, Anthony Fisher.

Wara Sydney, l-Isqof żar Melbourne fejn kompla ż-Żjara Pastorali fost ħutna l-emigranti li jinsabu fl-istat ta' Victoria. Ta' min jinnota li l-Isqof Grech żar ukoll l-emigranti f'Woollongong, Canberra u anki Adelaide.

Mhux ta' b'xejn li Frank Zammit stqarr quddiem l-Isqof Grech:

"Imferrxa l-merħla li mill-gżira ċkejkna
tat-Tliet Għoljiet marret 'il bogħod titlajja,
fejn ittamat li ssib mergħat ħadrana
mnejn titma' l-frieħ fis-sliem u l-barka...

U stagħna l-ġisem w il-kus ġmielu mtela,
iżda r-ruħ donnha ftaqret,
għax tilfet l-egħżeż tifkiriet bikrija –
l-ogħna teżori illi hienja kienet kisbet".

Iva, Eċċellenza, ġejt fostna bħala ħuna fil-mixja tal-fidi wara Kristu u bħala r-ragħaj spiritwali tagħna. U aħna l-merħla, għalkemm imferrxa bħalma qal il-poeta, irnexxielna ningħaqdu flimkien permezz ta' din iż-Żjara Pastorali tiegħek. Il-ftit jiem li għamilt fostna, kebbist in-nar u ruħna reġgħet xegħlet bil-ferħ. Erġajna akkwistajna l-egħżeż tifkiriet bikrija, ftakarna f'dak kollu li għożżejna fi tfulitna. Serraħtilna moħħna, wennistna u mlejtna bil-kuraġġ. Grazzi!



L-Arċipriet fid-dar ta' Emanuel Zammit (l-awtur ta' dan l-artiklu). Jidhru wkoll Jane u Martin Zammit.



F'Adelaide, l-Arċipriet flimkien ma' Sr Giovanna Gauci (oħt Mons. Ġużeppi) u George Cassar (bin Michael u Maria).

## Qaddisin "Ġorġjani"

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU

35



*Antoine Vassallo*



# San Ġerardu Sagredo

## (tifkira liturġika fl-24 ta' Settembru)

Dan l-isqof martri kellu Ġorġ bħala l-isem tal-Magħmudija, anki minħabba li twieled f'familja nobbli ta' Venezja, imnissla mid-Dalmazja, fit-23 ta' April. Id-devozzjoni lejn il-qaddis patrun kompliet issaħħet meta, ta' xi ħames snin, fieq bl-interċessjoni tiegħu: kien f'periklu serju, b'deni qawwi.

X'ħin tfarfar, daħal mal-Benedittini fil-Monasteru fuq San Giorgio Maggiore, gżira li tiġi eżatt faċċata tal-pjazza Venezjana ta' San Mark u li ssejħet hekk minħabba knisja qadima. Peress li kien normali li l-patrijiet jibdlu isimhom biex bħal donnu jidher li daħlu għal realtà ġdida, sar "Ġerardu", probabbilment bħal missieru; safrattant hemm min jaħseb li ngħata l-isem ta' patri ieħor li kien għadu kemm miet. Wara l-mewt tal-fundatur ta' din il-komunità, il-Beatu Ġwanni Morosini, inħatar hu pirjol u anki abbati. Iżda ma tantx dam għax, waqt pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa – xtaq ferm jagħmel żmien Betlehem, post it-twelid tas-Salvatur – irċieva s-sejħa biex imur jippriedka fl-Ungerija, fir-reġjun Pannonja ta' l-Imperu Ruman.

Hemm ir-Re Stiefnu I – jew István, li kien għadu kemm iddikjara 'l pajjiżu stat Nisrani u beda l-proċess tal-Kristjanizzazzjoni ta' dawn l-artijiet – taħ l-inkarigu jgħallem lil ibnu stess, il-Prinċep Emeriku, jew Imre, li miet żgħir. Imbagħad, waqt xi snin eremita fir-reġjun muntanjuż ta' Bakoni (Bakonybél), kiteb opra eseġetika – *Deliberatio Gerardi Morosanœ Ecclesiœ Episcopi supra hymnum trium puerorum ad Isingrimum liberalem* – li hi magħduda bħala l-ewwel biċċa xogħol ta' livell fil-pajjiż. Ma jaqbilx inħalli barra l-opinjoni ta' bosta studjużi li anki *Sancti Stephani primi regis Hungariœ de regum prœceptis decem ad Sanctum Emericum ducem* fil-fatt ħarġet minn idejh, avolja "iffirmata" mir-Re, li ma kenitx ħaġa rari! Wara nħatar Isqof tad-djoċesi ġdida ta' Csanád, li bidlet it-titlu diversi drabi wara. Bl-għajnuna tar-rajjes tar-reġjun, bena katidral jew monasteru msemmi għal San Ġorġ f'Oroszlános (isem li jfisser "ta' l-iljuni", peress li kien hemm dekorazzjonijiet jduru dan l-annimal) u ntafa' b'ruħu u ġismu għall-evanġelizzazzjoni tal-Maġjari. Fil-fatt ingħata l-laqam ta' "Appostlu ta' l-Ungerija", u "Gellért" (ismu bil-lingwa Maġjara jew l-Ungeriż) hu miżmum fost il-qaddisin protetturi.

Iżda mal-mewt ta' Stiefnu fl-1038, tfaċċa nkwiet kbir fil-ġlieda għall-poter u nqatlu bosta. Fl-24 ta' Settembru 1046, Ġerardu attakkawh il-pagani mmexxija minn Vata u tefgħuh għal isfel minn fuq għolja max-xmara Danubju; il-lum għandha ismu: *Gellért-hegy* – muntanja panoramika iktar minn mitejn metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, bi swar u għejun mediċinali... u anki hawn jitfakkar l-isem tiegħu. Kien sejjer – ma' żewġ isqfijiet oħra Bistrik u Buldu, li nqatlu wkoll u normalment jitfakkru fil-liturġija mseħbin miegħu – għall-inkurunazzjoni f'Budapest tar-Re l-ġdid Indrija.

Ta' min jgħid li lil Ġerardu kkanonizzah – jew "uffiċjalizza" l-kult tiegħu – San Girgor VII – imħeġġeġ mir-Re Ladislaw I jew László, il-lum qaddis ukoll – fl-1083, flimkien ma' Stiefnu u Emeriku. U sintendi bdew jiżviluppaw ġrajjiet u dettalji bijografiċi dwaru! Fl-1986, meta l-Beatu Ġwanni Pawlu II waqqaf id-Djoċesi ta' Banat qrib l-inħawi ta' Csanád ta' dari, San Ġerardu nħatar patrun prinċipali; il-katidral hu fil-belt ta' Zrenjanin, li l-lum, minħabba bidliet fil-fruntieri b'riżultat ta' l-istorja u l-politika matul is-sekli, tagħmel parti mis-Serbja: dan il-post jissejjaħ Nagybecskerek bl-Ungeriż, kelma li tfisser "il-foresta l-kbira ta' Imre Becsei", nobbli tas-seklu erbatax.

Nagħlaq billi nirreferi għal knisja ddedikata lilu (moderna u, jidhirli, "kerha") fl-inħawi ta' Sacca Fisola, fost il-gżejjer tal-Laguna ta' Venezja (Giudecca), u billi nsemmi li teżisti tradizzjoni li għadam dan il-qaddis jinsab f'Santi Maria e Donato, knisja prominenti mżejna b'relikwi u mużajċi, Murano.

## Insellmu lil...

- Mons. Edward Bondì Dalli, saċerdot mill-Belt Victoria li ta servizz kbir lill-parroċċa ta' San Ġorġ, li miet bħala l-ixjeħ saċerdot Għawdxi fl-età ta' 97 sena, nhar it-23 ta' Awwissu 2011.
- Francesco Debattista, membru attiv tal-parroċċa ta' San Ġorġ li għal ħafna snin ħadem in-nar għall-Festa ta' San Ġorġ, li ħalliena fit-8 ta' Ottubru 2011.
- Ġanni Formosa, li serva bħala bandist assidwu tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* għal sittin sena sħaħ, li miet fis-26 ta' Ottubru 2011.
- Frank L. Mercieca, studjuż tal-Malti u Latinista, benefattur kbir ta' San Ġorġ, li miet fid-9 ta' Novembru 2011, fl-għomor ta' 74 sena.
- L-E.T. Mons. Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta, bin il-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, li miet fid-29 ta' Novembru 2011.

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 15
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

*Antoine Vassallo*
vasanti@go.net.mt

# Veru mħabbtin!

Kellna numru qawwi ta' żviluppi mill-aħħar ħarġa; allura ma nistax nidħol f'ħafna dettalji.

Nibda bir-restawr ta' l-altar il-maġġur li kien iżżarma meta San Ġorġ ingħata d-dinjità ta' bażilika. Minħabba l-valur storiku u artistiku importanti, mill-ewwel kien hemm l-intenzjoni – jew tama – li għad jerġa' jintrama. Ħadd ma kien jimmaġina li tkun ħaġa ħafifa: fil-fatt għaddew ħamsin sena sa meta tfaċċat l-iskema għall-organizzazzjonijiet volontarji fl-ambitu ta' *ekoGħawdex*, b'sapport ta' 95%. Intlaqgħet il-proposta tagħna, ħriġna s-sejħa u ntgħażlet ditta Taljana minn Napli: *AC Restauri srl.*

Konna xortina tajba... mhux biss bil-preżenza ta' speċjalisti bħal dawn; mhux biss li "żewġ fanatiċi" għal wirtna ġabru l-biċċiet u għożżewhom fit-taqlib anki strutturali matul is-snin; mhux biss li nstab anki dak li konna immaġinajna li nqered, fost l-oħrajn il-ġirandola, maqlugħa fil-bidu tas-seklu; mhux biss li interessajna lil *Heritage Malta*, tant li ntuża ċ-Ċentru tar-Restawr f'Bighi. Mhux aħna biss "niftaħru" b'wirtna: fil-fatt l-altar mibni tpoġġa għall-wiri fis-sala ta' l-*Istituto Italiano di Cultura*, il-bini prominenti li serva bħala l-Kanċellerija ta' l-Ordni, f'Misraħ San Ġorġ. Iċ-ċerimonja – qasira imma ta' kwalità, minħabba dawk li pparteċipaw, fejn tkellmu l-Ambaxxatur, l-Isqof u l-Ministru u kantaw il-*Laudate Pueri* – saret fl-10 ta' Diċembru 2011 (rapport sħiħ nittamaw li jidher f'ħarġa oħra) **(ara ritratti 1 u 2)**.

Ma hux possibbli nagħti l-ismijiet ta' kull min ta sehmu: ġiri, ġarr, inkwiet u ideat. Kif għidt fid-diskors dak in-nhar, "billi ma nsemmi 'l ħadd, qed ninkludi lil dawk kollha li ħaqqhom il-gratitudni tagħna", għax irsistew lil hemm mid-dmir strett, għax ma stennewx rimunerazzjoni, għax saħansitra ħarġu minn buthom!

Ta' min jinnota li l-altar propjament ma kienx fil-lista oriġinali ta' esibiti; iżda fl-istess xahar, wara sejħa li dehret fl-14 ta' Novembru, ftehimna ma' żewġ ditti Maltin li jirrestawraw sitt oġġetti, li kienu: tliet kwadri (*PrevArti*) u tliet statwi (*ReCoop*). Is-sitta huma ta' valur u interess sostanzjali: il-kwadri ta' San Gejtanu, it-Trinità, u l-Madonna "tad-Dawl" **(ara ritratt 3)**, u l-istatwi ta' l-*Ecce Homo*, l-Irxoxt u l-Veronika. Nittama li darb'oħra nikteb xi ħaġa fuqhom. Sadattant ninfurmakom li, anki f'dan il-każ, ir-restawraturi obbligati jżommu dokumentazzjoni tal-proċess, u li bi ħsiebna norganizzaw xi żjara biex narawhom

Waħda mill-esibiti prominenti bilfors tkun l-urna "ta' De Soldanis" – imsejħa hekk għax l-istoriku (li fl-2012 infakkru t-tielet ċentinarju minn twelidu) irrefera għaliha fl-opra tiegħu *Gozo*. Il-Fondazzjoni Belt Victoria, fuq inizjattiva taċ-*chairman* ta' dak iż-żmien Dun Charles Cini SDB, kienet tebħet l-Italja edizzjoni speċjali tat-traduzzjoni ta' Mons. Farrugia Gioioso ta' din l-ewwel storja ta' gżiritna; u qegħdin noffru kopja bħala wieħed mill-benefiċċji lill-benefatturi. Din is-sena l-urna ma nħarġitx bħas-soltu fil-Bażilika peress li ntgħażlet fost il-"Bambini" fil-wirja li saret Kastilja għall-Milied, u ngħatat prominenza anki fil-pubbliċità. Ritratt sabiħ tagħha użajnieh fil-kartolini bix-xewqat li stampajna din id-darba.

F'Diċembru wkoll iffirmajna żewġ kuntratti, b'total li jiskorri s-€600,000, mal-kumpaniji *Baron* u *Ellis Home Decor* rispettivament. Dawn ikopru l-biċċa l-kbira tax-xogħol marbut mat-tkomplija tal-binja biex wara jitpoġġew l-aperturi u l-apparat. Dan ifisser li qed jitlesta l-elettriku u l-ilma, it-tibjid u l-irħam, is-soffitti u s-*solar panels*... It-tama hi li ma jinqalgħux kumplikazzjonijiet. Sadattant, barra laqgħat tal-kumitat, qed ikollna appuntament – normalment ta' xi sagħtejn – kull ġimgħa għall-kordinament: inkunu kuntratturi, periti, inġiniera u voluntiera.

*jissokta fil-paġna li jmiss...*








Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Nispera li tinsabu tajbin! Ilna ftit ma niltaqgħu, iżda issa qed nerġgħu nżommu l-appuntament tas-soltu u naqsmu kelmtejn bejnietna. Is-sena daħlet ġmielha u sa ma r-rivista tagħna tiġi f'idejkom tkunu għamiltu wkoll l-eżamijiet!

Żmien l-Għid hu żmien sabiħ, devot u għażiż għalina lkoll. Jekk il-Milied huwa festa sabiħa u mistennija, il-Qawmien mill-Imwiet ta' Sidna Ġesù Kristu huwa festa kbira, l-ikbar festa, għax kif jgħidilna San Pawl, kieku Kristu ma qamx mill-imwiet, il-fidi tagħna ma kienet tiswa xejn. Fi żmien il-Milied stajt ninnota li kontu numerużi għan-Novena, kif kontu għal-laqgħat li kellkom bi tħejjija għall-festa ta' l-Għid. Naħseb li taqblu miegħi li l-knisja tagħna tant tkun sabiħa armata għall-Ġimgħa Mqaddsa. Din is-sena l-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira qed jerġa' jagħtina statwa oħra ġdida fl-injam li turina lil Ġesù mlibbes il-porpra (mantell aħmar) u inkurunat bix-xewk. Grazzi lill-mastrudaxxa Ino M. Attard għall-injam u lill-istatwarji Michael Camilleri Cauchi u ibnu Adonai.

Naturalment fil-qrib ta' l-Għid ikollna wkoll il-festa liturġika ta' San Ġorġ, li wkoll tkun tant mistennija. Din tinkludi l-Velja fil-Pjazza u din is-sena wkoll serata fuq il-palk tat-Teatru Astra nhar is-Sibt 14 ta' April. Naf li ħafna minnkom, bħali, aċċettaw li jieħdu sehem. Matul il-jiem tal-festa liturġika ta' San Ġorġ nilqgħu magħna wkoll lil Dun Fabio Attard, Salesjan, li huwa iben il-parroċċa tagħna, li qed iħalli ftit il-belt ta' Ruma u jiġi jifraħ magħna fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin sena ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Nifirħulu u nitolbu għalih.

Insomma, se nieqaf hawn, għax qaluli biex ma niktibx fit-tul! Sa ma nerġgħu niltaqgħu, insellmilkom.

*Iz-Ziju Joe*

---

*...jaqbad mill-paġna l-oħra*

Sadattant kellna bħal *open day* fis-26 u s-27 ta' Novembru: opportunità li ħajret lil bosta jagħtu daqqa t'għajn lis-sulari u l-kmamar, u jaraw filmati. L-impressjoni ġenerali kienet: "Lanqas timmaġina minn barra kemm hawn kobor"! Id-dati ma għażilnihomx aħna; matul dawn il-jumejn seħħet *RottaEU*: xarabanks terrqu ma' Malta u Għawdex biex żaru diversi proġetti "ta' l-Ewropa", inkluż tagħna. Serviet anki ta' niggieża għalina biex, bis-sehem ta' żgħażagħ u adulti, niżgumbraw minn volum qawwi ta' affarijiet u imbarazz; nafu kemm dan il-post ilu jservi għal hekk!

Dan kollu xi ftit jew wisq jidher minn kulħadd. Imbagħad hemm il-ħafna rapporti li nintalbu nippreparaw mill-awtorità responsabbli mit-tħaddim ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, fil-każ tagħna l-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali. Iva, il-ftehim li ffirmajna mal-PPCD jorbotna b'diversi restrizzjonijiet u regolamenti biex nakkwistaw il-benefiċċju li 85% tal-biċċa l-kbira tal-kontijiet jitħallsulna. Dan ifisser li "€150 nistgħu nagħmulhom elf", kif tfakkarna l-iskema prinċipali ta' stedina lill-benefatturi. Sintendi kull għajnuna hi milqugħa mill-qalb; anzi wasalna fi żmien meta sa jkollna volum qawwi ta' ħlasijiet.

Allura nerġa' nfakkarkom fil-kontijiet bankarji miftuħa għall-offerti: **20000866897** (APS), **40018670408** (BOV), **071227912001** (HSBC) u **0117460034501** (Lombard). Propjament dawn in-numri m'humiex essenzjali: kull ma għandkom bżonn hu li ssemmu "Fondazzjoni Belt Victoria" 'l-bank, jew sempliċement tkellmuna; sintendi tistgħu anki toħorġulna ċekk. Dan jagħmilkom membri għal għomorkom tal-FBV. Mod ieħor kif ikollkom is-sodisfazzjon li għandkom sehem minn dan il-proġett ambizzjuż hu li tipparteċipaw fil-ftit attivitajiet ta' *fundraising* organizzati mill-Grupp tal-Ħbieb tal-Mużew, l-iktar ħarġiet u ikliet.

Nagħlaq billi nsemmi li ssolviet problema oħra legali u li l-Ministru tal-Finanzi saħansitra rrefera speċifikament għall-Fondazzjoni – bħala eżempju ta' proġett marbut "mad-dehra u l-istorja tal-lokalità" – fid-diskors tal-*Budget* ta' l-2012.

## Nifirħu lil...

- Mons. Renato Borg, saċerdot mill-parroċċa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat li jagħti servizz pastorali fiż-żona ta' Taċ-Ċawla f'beltna, li f'Lulju 2011 ġie maħtur Kappillan tal-Qdusija Tiegħu bit-titu ta' Monsinjur. Dun Renato kien segretarju privat ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi sal-mewt ta' l-istess isqof.
- Antoinette Frendo, eks-Presidenta fl-Azzjoni Kattolika u tal-*Ladies Society*, attivista fil-qasam tal-promozzjoni umana fid-djoċesi tagħna, li fl-4 ta' Awwissu 2011 irċiviet il-ġieħ *Pro Ecclesia et Pontifice*.
- George Apap, bandist tal-Banda Ċittadina *La Stella* u surmast ta' l-allievi tagħha, li f'Awwissu 2011 ġie maħtur surmast direttur tal-Banda *Viżitazzjoni* ta' l-Għarb.
- Antoine Vassallo, membru attiv tal-parroċċa tagħna u *chairman* tal-Fondazzjoni Belt Victoria, li fl-10 ta' Settembru 2011 ġie maħtur mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, President tal-Moviment ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex.
- Angelica Portelli, membru tal-Grupp ta' l-Adolexxenti tal-parroċċa, li f'Settembru 2011 ġiet fl-ewwel post fil-kategorija *Talenti Ġodda* tal-*Konkors Kanzunetta Indipendenza*, bil-kanzunetta tagħha *Ejjew Nieqfu*, lirika ta' Joe Chircop u mużika ta' Miriam Christine.
- Il-Bord Editorjali jixtieq jifraħ lil membru tiegħu, Francesco Pio Attard, li f'Diċembru 2011 iggradwa b'Baċellerat ta' l-Arti (bl-Unuri) fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta. Miegħu jifraħ lill-ulied kollha tal-parroċċa tagħna li din is-sena ggradwaw mill-istess università jew minn universitajiet oħra.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Awwissu - Novembru 2011



*Andrew Formosa*

info@sangorg.org

**» 1 ta' Awwissu**

**07.30pm:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana ħa sehem fit-tieni jum tal-Kwindiċina ta' l-Assunta fil-Katidral ta' Għawdex. Id-delegazzjoni kienet immexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li għamel ukoll il-priedka fil-Quddiesa.

**» 4 ta' Awwissu**

**07.30pm:** Inżammet fir-Refettorju Parrokkjali ikla għall-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u l-bandisti tagħha b'ringrazzjament mill-parroċċa għas-servizzi tagħhom fil-jiem tal-Festa.

**07.30pm:** Antoinette Frendo, membru tal-parroċċa u eks-Presidenta tal-*Ladies Society*, ġiet ippreżentata mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bil-midalja *Pro Ecclesia et Pontifice*, fil-Kurja ta' l-Isqof, il-Belt Victoria. F'din l-okkażjoni kanta l-Kor *Laudate Pueri*.

**» 6 ta' Awwissu**

**09.00am:** Fis-solennità Lateranensi tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**» 10 ta' Awwissu**

**11.00am:** Fil-Quddiesa li kull nhar ta' Ħadd janima l-Kor *Laudate Pueri* kien preżenti Mons. Massimo Palombella SDB, Direttur Mużikali tal-Kappella Pontifiċja *Sistina*, li dderieġa l-kor fl-innu ta' l-Offertorju.

**» 12 ta' Awwissu**

**08.00pm:** Inżamm barbikju fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali b'ringrazzjament mill-parroċċa lil dawk kollha li taw sehemhom tul in-Novena ta' San Ġorġ, fejn attendew tfal, adolexxenti u l-familji ta' dawk li ħadu sehem fid-drammi.

**» 16-21 ta' Awwissu**

Francesco Pio Attard, żagħżugħ tal-parroċċa, irrappreżenta ż-żgħażagħ tal-komunità tagħna fis-26 Jum Dinji taż-Żgħażagħ li nżamm f'Madrid, Spanja.

**» 18 ta' Awwissu**

**07.30pm:** Fi Pjazza San Ġorġ inżammet ikla b'riżq il-bini tal-mużew u ċentru kulturali, organizzata mill-Fondazzjoni Belt Victoria.

**» 23 ta' Awwissu**

Tħabbret il-mewt ta' Mons. Dward Bondì Dalli, fl-età ta' 97 sena.

**» 25 ta' Awwissu**

**04.00pm:** Il-fdalijiet ta' Mons. Dward Bondì Dalli ttieħdu fil-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza fejn il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan iċċelebraw l-Uffiċċju tal-Mejtin.

**04.30pm:** Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier tal-Kapitlu, mexxa l-korteo funebri mill-knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika ta' San Ġorġ.

**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni tal-Funeral, bis-sehem ta' delegazzjoni tal-Kapitlu tal-Katidral u diversi saċerdoti. Fost dawk li attendew kien hemm il-President Emeritu ta' Malta Dr Edward Fenech Adami kif ukoll il-Ministru Austin Gatt, qarib ta' Mons. Bondì. Wara saret id-difna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

**» 2 ta' Settembru**

**Fil-għaxija:** Dun Simon Mario Cachia mexxa laqgħa ċkejkna għall-Grupp ta' l-Adolexxenti fl-Għar ta' Kalipso, ix-Xagħra. Wara, l-adolexxenti kellhom għawma u barbikju għalihom fil-bajja tar-Ramla.

**» 4 ta' Settembru**

**09.00am:** Ġiet organizzata dawra fuq id-dgħajsa madwar Kemmuna u l-kosta ta' Għawdex għall-adolexxenti u t-tfal tal-parroċċa.

**» 5 ta' Settembru**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia ċċelebra Quddiesa b'suffraġju tal-vittmi tal-Kamra tan-Nar *Farrugia Brothers.*

**» 6 ta' Settembru**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-ħamsa u tletin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' bażilika lill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, li fi tmiemha tkanta t-*Te Deum.* Wara l-altar maġġur kien armat għall-okkażjoni l-umbrellun bażilikali.

**» 14 ta' Settembru**

**10.00am:** L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, żaret l-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* fejn attendiet għall-klassijiet tal-mużika fuq il-*harpsichord* immexxija minn Bridget Cunningham, li ġew kofinanzjati mill-iskema ta' *ekoGħawdex* għall-għaqdiet non-governattivi Għawdxin.

**06.30pm:** Membri tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss ingħabru fil-Kappella tas-Santissmu Sagrament għat-talba ta' l-Għasar flimkien mal-ġemgħa Nisranija.

**07.00pm:** Il-Kan. George DeBrincat mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

**» 20 ta' Settembru**

**06.30pm:** Lejlet is-solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika, ġie ċċelebrat l-Ewwel Għasar Solenni mill-Kapitlu u l-kleru.

**» 21 ta' Settembru**

**09.00am:** Fis-solennità tal-256 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**06.30pm:** Ġie ċċelebrat it-Tieni Għasar Solenni tad-Dedikazzjoni mill-Kapitlu u l-kleru.

**» 26-28 ta' Settembru**

**06.00pm:** Dun Geoffrey George Attard mexxa t-tlitt ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali ta' l-Arkanġlu San Mikiel. Għall-jiem tal-festa nħarġet fil-Bażilika l-istatwa artistika tal-qaddis, xogħol Alessandro Farrugia.

**» 28 ta' Settembru**

Ħalla Malta kontinġent Għawdxi flimkien ma' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, għal Żjara Pastorali fl-Awstralja. Bħala parti mill-grupp kien hemm l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Iż-żjara ntemmet fl-1 ta' Novembru.

**» 29 ta' Settembru**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'jum il-festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu.

**» 2 ta' Ottubru**

**09.45am:** Bdiet il-Mixja ta' tħejjija għaż-Żwieġ u għall-Ħajja tal-Familja għas-Sena Pastorali l-ġdida fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Il-laqgħat, kull ħmistax, saru fl-Awla Kapitulari u tmexxew minn Dun Anton Teuma, Delegat ta' l-Isqof fil-Kummissjoni Djoċesana Familja.

**» 5-7 ta' Ottubru**

**06.00pm:** Saru t-tlitt ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima, immexxija minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu. Għax-xahar kollu

ta' Ottubru, inħarġet fuq il-presbiterju għad-devozzjoni tal-fidili l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima.

**» 6 ta' Ottubru**

**Fil-għaxija:** Bdew il-laqgħat ta' Katekeżi ta' kull nhar ta' Ħamis fiċ-Ċentru Parrokkjali għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina, fl-4.30pm, u tal-Konfirmazzjoni, fil-5.30pm. Fl-istess ħin tal-laqgħat għat-tfal, Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali, għamel żewġ laqgħat ta' introduzzjoni għall-ġenituri.

**» 8 ta' Ottubru**

**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem ta-Kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima. Wara saret purċissjoni bl-istatwa fit-toroq ta' madwar il-Bażilika.

**» 9 ta' Ottubru**

**10.00am:** Fl-ewwel Quddiesa għat-Tfal u l-Familji din is-sena, Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali, ta l-mandat tal-Katekiżmu lill-katekisti tal-parroċċa.

**» 13 ta' Ottubru**

**Fil-għaxija:** Il-Kor *Laudate Pueri* interpreta xi innijiet reliġjużi ta' Dun Karm Psaila f'serata kommemorattiva fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-mewt tal-poeta nazzjonali, li ttellgħet fis-Sala ta' l-Arazzi, fil-Palazz tal-President, il-Belt Valletta, taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta.

**» 28 ta' Ottubru**

**12.30pm:** Dr Paul George Pisani mexxa *site visit* fil-Bażilika bħala parti mill-attivitajiet ta' l-għaxar edizzjoni ta' *Festival Mediterranea.*

**08.00pm:** Il-mużiċisti Natascha u Tatyana Chircop tellgħu kunċert fuq il-vjolin u l-pjanu fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* bħala parti mill-attivitajiet ta' *Festival Mediterranea.*

**» 5 ta' Novembru**

**08.00pm:** Il-*La Stella Band Soloists* tellgħu kunċert mużikali fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* bħala parti mill-progamm ta' attivitajiet ta' *Festival Mediterranea.*

**» 6 ta' Novembru**

**03.00pm:** Il-Kan. Ġwann Gauci, assistit mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, mexxa Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata b'suffraġju ta' l-erwieħ mejtin tal-parroċċa. Wara tbierku l-oqbra tal-parroċċa f'dak iċ-ċimiterju. Matul Novembru saret ukoll fil-Bażilika Quddiesa b'suffraġju tas-saċerdoti mejtin tal-parroċċa.

**» 9 ta' Novembru**

**06.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, ippresieda Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fl-anniversarju tad-Dedikazzjoni ta' l-Arċibażilika tal-Lateran li magħha l-Bażilika Ġorġjana hi aggregata.

**» 12 ta' Novembru**

**01.00pm:** Bħala parti mill-mawra ta' l-artist Mark Sagona dwar l-arti Barokka fil-knejjes Għawdxin, saret żjara fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Din kienet parti mill-attivitajiet ta' *Festival Mediterranea.*

**» 13 ta' Novembru**

**09.00am:** Fil-festa parrokkjali ta' San Klement u San Paċifiku, saret Quddiesa Kantata mmexxija minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu. Fl-okkażjoni tal-225 sena mill-wasla ta' dan il-korp sant, fil-jiem tal-festa l-istatwa tal-qaddis martri ġiet esposta taħt waħda min-navi tal-Bażilika.



**» 25 ta' Novembru**

**08.00pm:** Saret laqgħa ta' l-adolexxenti tal-parroċċa li kienet tikkonsisti f'Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz minn Dun Geoffrey George Attard. Wara saret mixja sad-Dwejra.

**» 27-28 ta' Novembru**

Saret *open day* fil-mużew li qed jinbena mill-Fondazzjoni Belt Victoria bħala parti minn *RottaEU*, *bus tours* organizzati madwar Malta u Għawdex bi żjajjar lill-proġetti li qed jiġu parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea permezz tal-PPCD. Il-pubbliku kellu l-opportunità li jara l-progress li qed isir fil-bini tal-mużew.

**» 27 ta' Novembru**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent.

# L-Għaxar Edizzjoni ta' Festival Mediterranea



Matul il-jiem ta' l-aħħar ta' Ottubru u Novembru 2011 ġiet organizzata l-għaxar edizzjoni ta' *Festival Mediterranea* li bħas-soltu kien jikkonsisti f'diversi attivitajiet artistiċi, kulturali, mużikali u oħrajn edukattivi.

Il-Bażilika ta' San Ġorġ laqgħet fi ħdanha numru minn dawn l-attivitajiet, fosthom *Violin & Pianofore Recital* mill-koppja Tatiana u Natascha Chircop, kif ukoll kunċert minn bandisti u solisti tal-Banda *La Stella.* Dawn iż-żewġ attivitajiet saru fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia.*

Fost attivitajiet oħra marbuta mal-Bażilika kien hemm *Music in Liturgy*, il-Quddiesa tal-11.00am tal-Ħadd animata mill-Kor *Laudate Pueri*, kif ukoll dawra mal-Bażilika min-Nutar Dr Paul George Pisani, li huwa wkoll studjuż ta' l-istorja.

Naturalment il-festival kien jinkludiż-żewġ rappreżentazzjonijiet ta' l-opra *Norma* ta' Vincenzo Bellini, li ttellgħu fis-27 u d-29 ta' Ottubru fit-Teatru Astra. Saru wkoll żjajjar kulturali u edukattivi dwar, ngħidu aħna, temi agrikoli jew ta' interess partikulari bħall-produzzjoni tal-melħ u l-kultivazzjoni tad-dwieli. Parti mill-festival inkludiet ukoll taħdidiet mill-artist u kritiku ta' l-arti Mark Sagona, minn Dr David Trump u mill-Prof. Victor Mallia Milanes, fuq temi diversi.

Il-festival ġie fi tmiemu bl-aktar avveniment importanti għall-Banda *La Stella*, li huwa l-Kunċert Annwali, imtella' fit-Teatru Astra fid-19 ta' Novembru. Il-kunċert kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Prof. Joseph Vella.

Is-suċċess ta' din is-sena jawgura tajjeb għall-ħdax-il edizzjoni ta' *Festival Mediterranea*, li issa sar appuntament kulturali importanti għall-gżira Għawdxija.

# IL-BELT VICTORIA - TLETIN SENA MAGĦNA

## APPELL SINĊIER GĦALL-GĦAJNUNA TAGĦKOM!

Billi issa għadda ftit żmien sew mindu waslet f'idejkom l-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista, nistħajlu li ħafna minnkom il-qarrejja staqsew x'ġara minn *Il-Belt Victoria* u forsi ġiehom dubju wkoll hix sa tibqa' toħroġ! Waqt li niskużaw ruħna li din il-ħarġa qed taslilkom daqshekk tard, niżgurawkom li – iva – *Il-Belt Victoria* ħa tibqa' toħroġ bħal qabel, u mhux ħa tmur pass wieħed lura mill-missjoni tagħha... żgur mhux issa, tletin sena wara li twieldet! Inkunu nonqsu lejn dawk li tant ħadmu biex jarawha ssir u lejkom, għeżież qarrejja u parruċċani ta' San Ġorġ, jekk nagħmlu mod ieħor!

**Nistampaw 1,600 kopja kull xahrejn, jiġifieri 9,600 kopja f'sena...**

Imma aħna żguri li tifhmu li rivista ta' din ix-xorta, bħal kull proġett ieħor li jħalli l-ġid, tħabbat wiċċha ma' elf tempesta! Waħda mill-problemi li spiss insaqqfu wiċċna magħhom hi naturalment dik *tal-finanzi*. Din ir-rivista titqassam b'xejn fid-djar kollha tal-parroċċa, u dan jitlob ħafna spejjeż li allaħares ma tkunx il-parroċċa li tħallashom, taqta' barra l-ftit donazzjonijiet li jidħlulna.

Ftit kalkoli... Nistampaw **1,600 kopja kull xahrejn**, jiġifieri **9,600 kopja f'sena**, meta tqis li normalment joħorġu sitt ħarġiet f'sena.

- Meta ħarġa (b'qoxra tal-kulur) tkun ta' **12-il paġna**, din tiġi tiswa **€276**.
- Meta tkun ta' **16-il paġna**, tiġi tiswa **€354**.

Il-bqija tal-kalkoli nħalluhom f'idejkom!

Għalhekk nixtiequ ninqdew b'din l-okkażjoni biex nagħmlu **APPELL** għall-għajnuna ġeneruża tagħkom. Biex tibqa' toħroġ kull xahrejn, ir-rivista *Il-Belt Victoria* għandha bżonn ta' l-għajnuna tagħkom **ISSA**. Kieku kull min jirċievi din ir-rivista d-dar kellu joħroġ €5 f'sena biex jgħinna nsostnuha, l-uġigħ ta' ras tagħna kif sa nħallsuha kien ikun ħafna inqas.

**Dawk li jixtiequ, jistgħu wkoll iħallsu ħarġa jew iżjed b'suffraġju ta' l-għeżież mejtin tagħhom.**

Nitolbukom **tindirizzaw id-donazzjonijiet** tagħkom – kemm jekk fi flus kontanti u kemm jekk f'ċekk – b'dan il-mod:

Il-Bord Editorjali "Il-Belt Victoria"
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ
Triq il-Karità
Il-Belt Victoria VCT 1200
Għawdex.

Fil-ħarġiet li jmiss, inkunu nistgħu nagħtukom rendikont tad-dħul mid-donazzjonijiet. Sadanittant, nirringrazzjaw lil aktar benefatturi li fl-aħħar xhur bagħtulna d-donazzjonijiet tagħhom:

- George Grech (Santa Venera) – €20
- Mons. Coronato Grima (Victoria) – €5
- Emanuel Attard (l-Awstralja) – A$50
- Anthony Mercieca (il-Kanada) – C$20
- Mons. Alfred Xureb (il-Belt tal-Vatikan) – €50
- George Schembri (l-Awstralja) – €5
- Michael Pace (Ħ'Attard) – €6

Din hi l-aħħar ħarġa tar-rivista *Il-Belt Victoria* għas-sena 2011, li fiha fakkarna t-tletin anniversarju mill-ewwel ħarġa. Nawguraw lil *Il-Belt Victoria* aktar snin ta' prosperità u ġid b'riżq il-komunità parrokkjali Ġorġjana mxerrda ma' kullimkien!

***Il-Bord Editorjali***



# INSELLMU LIL DUN DWARD (1914-2011)

Li kellek tqalleb fir-ritratti ta' l-imgħoddi minn żmien l-episkopat ta' Mons. Ġużeppi Pace, maġenb il-figura qsajra ta' dak l-Isqof kbir ta' Għawdex aktarx tilmaħ ukoll persuna twila takkumpanjah... l-id il-leminija tiegħu, Mons. Edward Bondì Dalli – jew sempliċiment Dun Dward, kif ilkoll konna nafuh f'San Ġorġ, it-tieni dar tiegħu. Mons. Bondì miet nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2011, fl-età venerabbli ta' 97 sena, l-ixjeħ saċerdot tad-Djoċesi ta' Għawdex. Xi xahar qabel kien għadu kemm għalaq 73 sena jqaddes.

» aqra l-artiklu kollu f'paġna 5





*Lemin:* Maġenb l-Isqof Pace fit-tberik tat-Teatru Astra, 20 ta' Jannar 1968. Jidħru wkoll Dun Nikol Vella Apap, Dun Mikiel Borg, il-Prim Ministru ta' Malta Dr George Borg Olivier u n-Nutar Dr Anton Galea, President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.